MARZU 2004 • L-24 SENA • GĦADD 238 • *NEWSPAPER POST*



# DAWL FRANĠISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

# DAWL FRANĠISKAN

**MARZU 2004**
**L-24 sena • Għadd 238**



**Qoxra 1:**
***Dettall mill-kurċifiss li hemm fil-knisja ta' San Franġisk f'Arezzo, l-Italja.***
***Dan id-dettall juri lil qaddis ta' Assisi ibus il-pjaga bid-demm ta' sieq il-leminija ta' Ġesù imsallab.***
***Fuq in-naħa t'isfel tidher il-belt medjevali ta' Arezzo, marbuta wkoll mal-ħajja ta' San Franġisk.***

**BORD EDITORJALI:**
Joe Alessandro ofm cap (Direttur u Editur)
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap
Dorian Holland OFS
Andrè Azzopardi OFMCap
Robbie Mamo
Fabian Marston GiFra

**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 21 233874/21 225525/21 234949
e-mail: ofmcap@keyworld.net

**DISINN U LAYOUT:**
IMAGE 2000 LTD, FGURA - 21 677577
**MITBUGĦ:**
P.E.G. Ltd., San Ġwann. - 21 440083

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

© Dawl Franġiskan 2004
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini













# Werrej

**3** **U wara l-40?**
*minn Fr. Joe Alessandro OFMCap*

**4** **Il-Kustilja ta' Adam**
*minn P. Donat Spiteri OFMCap*

**6** **Teleskopju fuq il-Ħajja**
*minn P. William Axiaq OFMCap*

**8** **Igino li għamel suċċess b'ħajtu**
*minn P. Silvestru Bonavia OFMCap*

**10** **L-Art Imqaddsa tal-Knisja**
*minn P. Joe Buttigieg OFMCap*

**12** **Riflessjoni, Sagrifiċċju u Talb**
*minn Stephanie Cassar Gi.Fra.*

**13** **Paradossi Evanġeliċi (3)**
*minn P. Frans Abela OFMCap*

**14** **Nitkellmu ma' P. Spiru Galea**
*minn Br Andrè Azzopardi OFMCap*

**15** **Lejn Alla bl-isport (3)**
*minn Joe Attard*

**16** **Il-Qima lejn San Franġsisk t'Assisi fil-Knejjes Maltin (13)**
*minn Br Andrè Azzopardi OFMCap*

**18** **Tweġiba**
*minn P. William Axiaq OFMCap*

**19** **"Il-Preżenza Soċjali tal-Knisja" (1)**
*minn P. Philip Cutajar OFMCap*

**21** **Aħbarijiet Kapuċċini**

**22** **Il-Beata Marija Adeodata Pisani u d-devozzjoni tagħha lejn San Ġużepp**
*minn Joe Flask*

**24** **Mill-Ittri tal-Qarrejja**

**25** **Laqgħa għall-Kapuċċini fil-Kenja**

**27** **Pietru**
*minn Mons. Francis Baldacchino OFMCap*

**28** **Imriewaħ tal-Palm (2)**
*minn Lina Brockdorff OFS*

**30** **Tisliba u Rokna għat-Tfal**
*minn P. Wistin Attard OFMCap*

**31** **Irrid inħobbok ... għal dejjem**

Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena. Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur, Ċentru Missjoni Kapuċċini Kunvent tal-Kapuċċini Floriana - VLT 14

P. Joe Alessandro OFMCap

# U wara l-40?



"Mal-*quaranta* jibda jittanta" ngħidu aħna l-Maltin. Naħseb li llum il-ġurnata jibda jittanta ħafna qabel. Imma ngħidu hekk għax forsi meta wieħed jagħlaq l-erbgħin ikun qabeż nofs il-ħajja li bniedem normalment jgħix u allura jibdew jinqalgħu l-problemi. Wara l-erbgħin wieħed jew waħda jibdew jilmentaw minn xi inkonvenjent fiżiku, affettiv jew psikoloġiku. Wara l-erbgħin wieħed jista' jipprepara ruħu għal xi ħaġa li ma togħġbux.

Fil-Bibbja wkoll niltaqgħu ta' spiss man-numru erbgħin. Iżda t-tifsira tiegħu hija differenti, jekk mhux ukoll bil-maqlub għal dak li għadna kemm għedna. Fl-Iskrittura Mqaddsa n-numru erbgħin huwa meqjus bħala żmien simboliku li jipprepara għal xi ġrajja importanti.

Hekk ngħidu aħna, Mosè għadda erbgħin jum u erbgħin lejl fuq il-muntanja bla ma jiekol u jixrob bi tħejjija qabel jiltaqa' mal-Mulej; id-dilluvju dam sejjer erbgħin jum u erbgħin lejl bi tħejjija għat-tiġdid ta' l-umanità; il-Poplu Lhudi dam erbgħin sena fid-deżert bi tħejjija qabel jidħol fl-Art Imwiegħda; in-nies ta' Ninwè għamlu penitenza għal erbgħin jum qabel qalgħu l-maħfra mingħand Alla; il-profeta Elija mexa għal erbgħin jum u erbgħin lejl biex jitla' fuq il-muntanja ta' Alla; Ġesù jsum u jitlob għal erbgħin jum u erbgħin lejl fid-deżert biex iħejji lilu nnifsu għall-missjoni li ġie jwettaq.

Skond il-ħsieb bibliku ż-żmien marbut man-numru erbgħin għandu tifsira qawwija ħafna. Huwa żmien li jiġi qabel xi avveniment importanti u fl-istess ħin huwa żmien ta' preparazzjoni. Fi kliem ieħor dan iż-żmien mgħandux skop għalih innifsu imma huwa indirizzat lejn xi ħaġa li trid tiġri wara li jgħaddi dan iż-żmien. Hawn wieħed jista' jara l-kuntrast bejn iż-żmien ta' tħejjija ta' qabel, li hu kkaratterizzat minn sawm, talb, ċaħdiet u l-ġrajja li tiġi wara, ikkaratterizzata minn maħfra, ħelsien, tiġdid, ferħ, premju, u, fil-każ ta' Ġesù, il-ħajja vera u għal dejjem.

Bħalissa anki aħna ninsabu fi żmien ta' erbgħin jum, iż-żmien tar-Randan Imqaddes. Ir-Randan huwa żmien ta' tħejjija għal ġrajja importanti ħafna, anzi għall-akbar ġrajja, l-Għid Imqaddes. Mela, jekk matul dan iż-żmien ta' erbgħin jum matul ir-Randan aħna niġu mħeġġin biex nitolbu aktar, niċċaħħdu minn ħwejjeġ li nistgħu ngħaddu mingħajrhom u nagħmlu sagrifiċċji, dawn kollha nagħmluhom mhux għalihom infushom iżda biex permezz tagħhom inħejju lilna nfusna għall-festa tal-qawmien mill-mewt tal Mulej li ġabilna l-ħelsien tassew u l-ħajja mill-ġdid li tibqa' għal dejjem.

Dan għandu jkun il-ferħ tagħna l-insara li, fuq l-eżempju ta' Ġesù, permezz tat-tbatija ngħaddu għall-glorja, permezz tal-mewt ngħaddu għall-ħajja li ma tintemm qatt. Il-Misteru ta' l-Għid, biċ-ċelebrazzjonijiet kollha li nagħmlu matul it-tlett ijiem imqaddsa, ikollu sens fil-ħajja tagħna daqskemm inħejju lilna nfusna għalih, l-aktar matul dawn l-erbgħin jum tar-Randan. ❏

P. Donat Spteri OFMCap

# Il-Kustilja ta' Adam

***Wieħed mir-rakkonti l-aktar kurjużi fil-Bibbja hu żgur dak tal-ħolqien tal-mara mill-kustilja ta' Adam. Nafu li dan ir-rakkont m'għandniex nifhmuh letteralment kif inhu rrakkuntat. Imma, ladarba qiegħed fil-Bibbja, għandna żgur x'nitgħallmu minnu għax hu wkoll il-kelma ta' Alla.***

Il-Ktieb tal-Ġenesi jibda bir-rakkont tal-ħolqien ġenerali u b'mod partikulari tal-ħolqien tal-bniedem. U jippreżentah f'żewġ kwadri jew aspetti, it-tnejn meħudin minn żewġ għejun differenti.

Fl-ewwel wieħed il-ħolqien tal-bniedem, li kronoloġikament deher wara l-ieħor (1, 26-28, Dok P), qiegħed f'għeluq il-ħolqien ta' l-univers u tal-ħlejjaq l-oħra kollha, biex juri lill-bniedem bħala s-sultan tal-ħolqien.

"U Alla ħalaq il-bniedem fuq xbihetu, fuq xbihet Alla ħalqu, raġel u mara ħalaqhom." Dan hu l-fatt tal-ħolqien tal-bniedem - raġel u mara. Imbagħad, fit-tieni rakkont (Dok J) jingħad kif Alla ħalaq il-bniedem. "Il-Mulej sawwar il-bniedem (Adam) mit-trab ta' l-art u nefaħlu fi mnifsejh nifs il-ħajja u l-bniedem sar ħlejqa ħajja" (2, 7). Imbagħad, "Il-Mulej Alla tefa' nagħsa tqila fuq il-bniedem; u dan raqad. U ħadlu waħda minn kustiljih u flokha mlieh bil-laħam. U l-Mulej Alla sawwar il-kustilja, li kien ħa mill-bniedem, f'mara u ġiebha lill-bniedem" (2, 21-22).

Żgur li ħadd li jkun moħħu floku ma jasal biex jaħseb li din l-operazzjoni tal-Mulej saret hekk letteralment kif inhi rrakkontata f'dawn il-versi. Alla, li ħalaq mix-xejn is-smewwiet u l-art, ma kellux bżonn joqgħod jagħġen it-tajn mit-trab ta' l-art biex bih jagħmel l-ewwel raġel. U lanqas kellu bżonn jieħu waħda mill-kustilji (*selà*, "kustilja") tar-raġel biex biha jagħmel l-ewwel mara.

Żgur li lanqas l-awtur sagru ma kellu f'moħħu l-ħsieb li Alla, biex joħloq ir-raġel u l-mara, kellu joqgħod jagħmel dawk l-azzjonijiet strambi. Għal niesu li għalihom kiteb din il-preżentazzjoni fittizja tal-mod tal-ħolqien tar-raġel u l-mara, kellha valur li twettaqhom fi twemminhom li l-bniedem ġej direttament minn Alla; li, aktar mill-ħlejjaq l-oħra kollha, hu l-opra ta' idejh, magħmul minnu b'azzjoni u b'intervent speċjali. Dan ir-rakkont (J) hu antropomorfiku, primittiv u popolari. Forsi għalhekk ir-redattur jew l-awtur finali tal-Ġenesi deherlu li kellu jibda bir-rakkont l-ieħor (P), li hu aktar meqjus u sempliċi. Nistgħu nifhmu li għaraf li r-rakkont l-antik kien juri l-ħidma b'deskrizzjoni wisq materjali u antropomorfika. Imma ma warrbux. Żammu wkoll għax għaraf li bih seta' jwassal aħjar il-ħsieb ta' Alla fl-opra tal-ħolqien tar-raġel u tal-mara. B'dan it-tieni rakkont kompla jiżviluppa l-ewwel wieħed u fisser aħjar is-sens tiegħu.

Fl-ewwel rakkont (P) jingħad li Alla ħalaq il-bniedem - raġel u mara - "fuq xbihetu"; għalhekk tah is-setgħa fuq il-ħlejjaq l-oħra li kien ħalaq qablu. Din tfisser id-dinjità tal-bniedem.

Fit-tieni rakkont (J) jingħad li l-Mulej Alla sawwar il-bniedem mit-trab ta' l-art. Din in-nota donnha tbaxxih lill-bniedem. Imma terfgħu n-nota l-oħra, li Alla mbagħad "nefaħlu fi mnifsejh nifs il-ħajja". Il-bniedem għandu fih in-nifs ta' Alla tassew.



***Xellug:** Il-ħolqien ta' Eva. Affresk ta' Michelangelo fil-Kappella Sistina fil Vatikan.*

*Fil-paġna l-oħra ikona li turi wkoll il-ħolqien ta' Adam u Eva.*




Din l-espressjoni skond il-mentalità Lhudija ma tfissirx ir-ruħ spiritwali kif nifhmu aħna. Tfisser biss li Alla, l-awtur tal-ħajja, ta l-ħajja lill-bniedem, kif taha wkoll lill-ħlejjaq l-oħra li jgħixu jew li "jieħdu n-nifs" (Ġob 33, 4; Salm 104, 29; Koħ 3, 18-20).

L-awtur ħalla din in-nota fuq il-bniedem magħmul mit-trab ta' l-art biex biha jħejji l-qarrejja għan-nota l-oħra fuq il-kundanna tal-bniedem wara l-waqgħa fid-dnub - "Trab int, u fit-trab terġa' tmur" (Ġen 3, 19). Imma mbagħad tul l-istorja jenfasizza l-ħafna aspetti d-dinjità tal-bniedem fil-kobor tiegħu bħala l-ħabib ta' Alla, li jgħix miegħu fil-ġnien tiegħu (2, 15).

Hekk ukoll jenfasizza d-dinjità tal-mara bid-deskrizzjoni drammatika tal-ħolqien tagħha mill-kustilja tar-raġel. Hekk fehem juri li l-mara hi bħar-raġel, ta' l-istess natura u dinjità tiegħu. Din il-verità fissirha bi kliem ir-raġel li, meta ra l-mara, qal: "Din id-darba din hi għadma minn għadmi, u laħam minn laħmi, għalhekk tissejjah mara, għax mir-raġel ittieħdet hi." Hi "mara" (*ixxà*) għax ġejja mir-raġel (*ix*). Fil-Lhudi toqgħod tajjeb bi speċi ta' logħob tal-kelma, kif b'xi mod taqbel bl-Ingliż (*man/woman: man*); ħaġa li ma nistgħux infissruha bil-Malti. Dan kollu jfisser il-ħsieb ta' l-awtur li hekk ried juri li, skond il-pjan ta' Alla l-Ħallieq, il-mara hi ta' l-istess dinjità tar-raġel; u dan kien qed jaffermah kontra l-kurrent ta' l-opinjoni ġenerali tal-popli ta' żmienu.

Interessanti u sabiħ hu l-kumment fuq dan ir-rakkont li naqrawh fit-Talmud (ktieb b'ġabra ta' tradizzjonijiet tal-Lhud): "Alla ma ħalaqx il-mara minn ras ir-raġel, biex titla' fuq rasu, lanqas minn saqajh, biex hu jitfagħha taħt saqajh; iżda għamilha minn ġenbu biex hi tkun qrib qalbu."

B'dawn iż-żewġ rakkonti tal-ħolqien tal-bniedem - raġel u mara - Alla rrivelalna x'inhu l-pjan tiegħu għaż-żwieġ u l-familja. Alla mhux biss il-bniedem ħalaq, iżda wkoll il-familja. Lill-bniedem ħalqu familja. "Mhux sewwa li l-bniedem jibqa' waħdu. Ħa nagħmillu għajnuna tgħodd għalih (Ġen 2, 18). Alla ħalaq il-bniedem biex jgħix fil-familja. Għalhekk "raġel u mara ħalaqhom" - biex jgħixu flimkien u jkunu ta' għajnuna għal xulxin. U biex jiffurmaw il-familja, "Nisslu u oktru, u mlew l-art." Tahom is-setgħa li jagħtu l-ħajja u jkomplu l-ħolqien tiegħu (1, 28).

"Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed" (2, 24). M'hemmx poligamija u lanqas divorzju. Fi żmien l-awtur sagru dawn kienu parti mill-ħajja tas-soċjetà li kien jgħix fiha. Imma skond ir-rivelazzjoni li kellu għaraf li dawn kienu kontra l-pjan ta' Alla għaż-żwieġ u l-familja. Dan kien il-pjan ta' Alla sa mill-bidu. Il-bnedmin bil-ħażen tagħhom ħassru dan il-pjan qaddis u pprofanawh bil-liġijiet tagħhom.

Imma Ġesù Kristu , l-Iben ta' Alla, ġie jwissihom: "Dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem" (Mt 19, 6). ❑

## Talb għax-xahar ta' Marzu 2004

O Qalb ħanina ta' Ġesù, kull ma nitlob, kull ma nagħmel u kull ma nġarrab f'dan il-jum, jgħaddi għalik mill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija għat-tpattija ta' dnubietna, tad-dagħa li bih hu mżeblaħ l-Isem imqaddes tiegħek; u għall-fehmiet kollha li inti għandek f'kull quddiesa li titqaddes. Noffrihomlok fuq kollox għall-fehmiet tal-Papa u ta' l-Isqfijiet tagħna għal dan ix-xahar.

1. Biex l-art, il-kultura u d-drittijiet kollha tal-popli indiġeni tad-dinja jkunu irrispettati, sabiex bejniethom u dawk li fosthom jgħixu, issaltan l-armonija vera.
2. Biex fl-Afrika jingħaraf is-siwi tad-diversità tal-karizmi u tikber il-kooperazzjoni bejn l-Istituti missjunarji u l-Knejjes Lokali.
3. Biex iż-żmien tar-Randan imqaddes ikun żmien li fih nisimgħu l-priedki li jsirulna, nirriflettu fuqhom hekk li jwassluna għal konverżjoni sinċiera u għal qrara kif imiss bi tħejjija għaċ-ċelebrazzjoni xierqa ta' l-Għid.

*Kull xahar ikun hemm tliet intenzjonijiet: 1. Ġenerali; 2. Missjunarja; 3. Ta' l-Isqfijiet tagħna.*

P. William Axiaq OFMCap



# Teleskopju fuq il-ħajja

***Malli l-bniedem jieqaf jaħseb, tkun magħmula tiegħu. Dan il-fatt qed narawh jiġri kontinwament madwarna. Ħafna ma jridux jaħsbu. Min jipprova jħeġġiġhom jew jgħallimhom jagħmlu hekk, ħalli joħorġu mid-dehwa ta' ħajjithom, żgur jiksirha magħhom. Jibdew jarawh antipatiku, ta' min jaħarbu. Imma mbagħad ħares lejn ħajjithom u ara ftit kemm qed issarraf. Il-qarrejja ta' din il-paġna ma jidħlux fil-kategorija tal- persuni li semmejt, għax iridu jkomplu jaħsbu. Minħabba f'dawn u għal dawn inkitbu r-riflessjonijiet li ġejjin.***

## 1 ĊERTI DEĊIŻJONIJIET

Xi wħud mill-insara, meta jilħqu f'ċerti pożizzjonijiet jibqgħu umli, ma jitkabbrux, ma jerfgħux rashom, għalihom qisu ma ġara xejn. Dawn ma jħallux il-pożizzjoni titlgħalhom għal rashom. Huma tal-fehma li ħdejn l-isem ta' nisrani ma joqgħod xejn u ħadd. F'kelma waħda, huma nsara ta' personalità, tal-affari tagħhom.



Għalihom l-ewwel ma tiġi r-reliġjon imbagħad affarijiet oħra.

Insara oħrajn, iżda, malli jilħqu ċerti pożizzjonijiet, billi jsiru professjonisti, ġurnalisti, *managers* ta' fabbriki jew lukandi, *lecturers* l-università, preżentaturi ta' fuq it-telvixin, iħossu li issa fil-karriera tagħhom baqgħalhom sforz ieħor xi jridu jagħmlu wara li dan ikunu diġà għamluh biex irnexxielhom jilħqu fejn laħqu: jarmu minn ħajjithom kull ħjiel ta' reliġjon li sallum, minn għalihom, ikunu stqarrew. Jidhrilhom li issa li jibqgħu nsara prattikanti ma jagħmlilhomx iżjed ġieħ fil-post li laħqu fih. Biex juru li għandhom personalità ma jridux juru bl-ebda mod li huma reliġjużi iżjed. Huma tal-fehma li jekk ħaddieħor jinduna li għadhom iħobbu r-religjon, il-pożizzjoni tagħhom se tmur minn taħt, se jitilfu l-klijenti, se tonqsilhom l-istima, ħaddieħor se jċaqlaq rasu u jgħaddihom biż-żmien, se jitilfu l-popolarità fuq il-mezzi tax-xandir.

Dawn it-talin iridu jifhmu li r-reliġjon hija l-iżjed ħaġa li tagħmillu unur lill-bniedem u mhux it-titli li jkun kiseb bl-għerf ta' din id-dinja. Dawn jiġu ħafna wara l-istqarrija, anki fil-pubbliku, tal-fidi tiegħu.

Filosfu kbir, San Girgor Nazjanzenu, huwa u jitkellem mill-ħbiberija kbira li kellu ma' San Bażilju l-kbir huma u jistudjaw flimkien il-filosofija f'Atena, jikteb: "Xi wħud mill-bnedmin kisbu titlu jew għax wirtuh mill-familja tagħhom jew għax rebħuh huma stess bis-saħħa ta' xi għemil jew bit-taħbit tagħhom. Imma għalina l-aqwa ħaġa u l-isbaħ titlu kien li nkunu u nissejħu nsara."

***Mulej, żommli rasi fejn insibha!***

## 2 EŻISTENZA VOJTA

Is-Salmista jgħid: "La jafu u lanqas jifhmu, fid-dlam qegħdin jimxu; u s-sisien kollha ta' l-art qed jitheżżu" (S 82 [81], 5). L-iskala tal-valuri nqalbet. L-ordni tal-ħsieb tħarbat. Dak li suppost jiġi l-ewwel qed jiġi l-aħħar u dak li suppost jiġi l-aħħar qed jiġi l-ewwel. Dak li hu relattiv qed isir assolut. Minħabba f'hekk, l-affarijiet sejrin ħażin

fil-ħajja ta' bosta nies fid-dinja ta' llum. Il-bniedem tilef id-dimensjoni vertikali tiegħu. Ma għadux iħares 'l fuq. L-għors tiegħu sar iħares ħafna 'l isfel. Il-mira tiegħu ma tantx għadha lejn Alla. Ħarstu mitfugħa wisq fuq il-ħwejjeġ tad-dinja. Fuq dak li jrid jgħaddi u mhux fuq dak li jibqa' għal dejjem.

Id-dinja ta' żmienna fil-prattika rriduċiet ruħha għal żewġ dimensjonijiet: għall-aspett soċjali u għall-aspett tekniku. Minħabba f'hekk, ħalliet 'l Alla fil-ġenb bi ħsara kbira għaliha stess. Insiet dak li qal San Pawl, meta stqarr: "Ma nħarsux lejn il-ħwejjeġ li jidhru, iżda lejn dawk li ma jidhrux. Dawk li jidhru huma għal żmien qasir, dawk li ma jidhrux huma għal dejjem" (2 Kor 4, 18).



It-Trappista Amerikan, Thomas Merton, kien qal: "X'inkunu qegħdin nirbħu billi jirnexxilna mmorru fil-qamar, jekk se nibqgħu inkapaċi li nirbħu l-abbiss li jżommna 'l bogħod minna nfusna?"

Il-predikatur tal-Papa, il-Kapuċċin Raniero Cantalamessa, ftit taż-żmien ilu kiteb: "Il-bniedem jibgħat il-vetturi spazjali mingħajr nies fuqhom lejn l-iżjed trufijiet imbiegħda tas-sistema solari, biex jiġbru l-informazzjoni dwar l-ispazju u biex imbagħad jibagħtuha lid-dinja, u mbagħad mhuwiex kapaċi jistħarreġ il-ġewwieni nett ta' qalbu. L-għaxqa tiegħu jiċċaqlaq fil-makrokożmu (l-univers) milli fil-mikrokożmu (l-univers fuq skala żgħira) li hu huwa stess."

***Mulej, għallimni nordna sew il-ħajja tiegħi biex inkun qed ngħix tassew.***

## 3 SKART F'IRQAJJA TAL-ĦAMRIJA

Iżjed ma qiegħed isir diskors fuq il-mezzi tax-xandir biex inżommu Malta nadifa, iżjed din l-għajta edukattiva m'hix tiġi kkalkulata minn ċerti persuni, li ma għandhomx idea x'jiġifieri ekoloġija.

Kemm nitnikket nara ċerti sewwieqa, jew rikkieba, li sakemm jaqleb il-kulur aħmar, tarahom jitfgħu skart, fliexken tal-plastik, *containers* u oġġetti oħrajn barra mill-karozza, malli jindunaw li qrib hemm xi *round about* jew irqajja' oħrajn tal-ħamrija. Ma jafux iżommuhom fil-vettura u mbagħad jarmuhom fejn suppost għandhom jagħmlu hekk. Le, iridu jeħilsu minnhom malli jsibu fejn jaqblilhom iwaddbuhom.



Id-drawwa ħażina ta' dawk it-talin li ma nibżgħux għas-sbuħija ta' pajjiżna tista' titfisser b'diversi modi u manjieri. Xi wħud jagħmlu hekk għax ma għandhomx valuri f'ħajjithom. Oħrajn iġibu ruħhom hekk għaliex qatt ħadd ma żammilhom minn mindu kienu żgħar. Oħrajn jagħmlu hekk apposta biex jisfidaw u jinku, ara x'mard! Oħrajn jagħmlu hekk għax qatt ħadd ma jikkoreġihom. Oħrajn jagħmlu hekk għax isostnu li, ġaladarba qegħdin iħallsu t-taxxa, għandhom x'jagħtu x'jagħmel lil min irid iżomm it-toroq nodfa, u mhux jitħallas għalxejn. Oħrajn jagħmlu hekk bi skop ta' partiġġjaniżmu politiku, ħalli jitfgħu dell ikarh fuq il-gvern li jkun. Mhux sew. L-affarijiet kollha li semmejt juru nuqqas ta' ċiviltà, mard, intern ħażin, spirtu ħażin ...

Il-persuni li ma jħabblux rashom iħammġu l-ambjent ġieli tismagħhom jitkellmu dwar x'indafa raw fit-toroq meta marru jżuru ċerti pajjiżi barranin fis-sajf. Jekk imbagħad ma tismagħhomx jikkritikaw lill-Maltin kemm mhumiex *keen* biex iżommu pajjiżhom xummiema, bħalma huma kapaċi jżommu djarhom. Mur ipprova ifhem!

Hemm bżonn li l-awtorità konċernata tara x'tagħmel fi kwistjoni serja bħal din. Qiegħda tagħlaq għajnejha minħabba l-voti. Il-biża' mit-telf tal-voti waqt l-elezzjoni ġenerali qed ittellifna wisq il-progress, saħansitra f'affarijiet elementari.

***Mulej, għallimna nibżgħu għall-ambjent bħalma nagħmlu hekk qatigħ għal ħwejjiġna.***

P. Silvestru Bonavia OFMCap

# IGINO
## li għamel suċċess b'ħajtu



Igino huwa tifel magħmul u qed iħares 'il quddiem b'fiduċja kbira. Sa issa dejjem irnexxielu dak li xtaq: barra li jkun ġuvnott bil-għaqal, ikun jista' jistudja u jipprova jsib xi impjieg li jgħinu jaqla' l-għajxien tiegħu b'mod ġust u onest. U bla dubju jgħin lill-familja. Illum Igino għandu madwar tnejn u għoxrin sena u għadu kemm irċieva riżultat eċċellenti fil-*computer*. Jista' jidħol l-università u jagħmel kors fl-informatika. Tiskantawx li dawn l-istudji u possibilitajiet waslu hawnhekk ukoll.

Lil dan Igino ili nafu sewwa, għalkemm mhux minn tfulitu; imma appena wasalt hawnhekk minn dejjem laqatni. Dak inhar kien għadu kif beda s-sekondarja. Sena wara l-oħra rnexxielu dejjem iżomm postu quddiem nett fil-klassi. Tliet snin ilu spiċċa s-sekondarja u kellu riżultat tajjeb; imma kien għadu ma jafx kif ser jaqbad ifassal sewwa l-pjan ta' ħajtu. Kien hawn li ġejt l-aktar f'kuntatt miegħu mill-qrib.

Imma biex wieħed jifhem lil Igino sewwa jrid ikun jaf xi ftit aktar il-familja tiegħu.

Igino huwa t-tielet wild f'familja ta' sebat itfal. Imma l-ġenituri ma jibżgħux! Il-missier, li jismu Kilian, huwa għalliem u l-omm, Kristin, tagħmel minn kollox għall-familja, fuq kollox bl-eżempju tagħha. Hija mogħtija b'ruħha u ġisimha, tassew, għal żewġha u wliedha; u fuq kollox issib anke ħin tajjeb għal Alla u għall-Knisja. Infatti, kien hawnhekk li permezz tagħha ltqajt mal-familja ta' Igino.

Niftakar, xi erba' snin ilu, kelli tieġ fil-knisja tagħna u hija u żewġha kienu x-xhieda. Infurmajt ruħi biex insir nafhom aktar. U fil-fatt mhux biss ma ddiżappuntajtx ruħi, imma kienu wkoll ta' għajnuna għalija. Għax diversi drabi sibthom ta' għajnuna l-aktar fi żwiġijiet b'diffikultajiet.



*P. Silvestru Bonavia OFMCap fuq l-isfond tal-bandiera tat-Tanzanija.*

U kellmithom u ħajjithom jitkellmu ħafna u jiswew mhux ftit. Jiswew żgur aktar minn ta' ħafna oħrajn.

Minn dak inhar stedinthom jibdew jiġu għal-laqgħat tal-Kelma tal-Ħajja; ħadu sehem anke f'diversi laqgħat ta' formazzjoni; u dak kollu li kienu jitgħallmu kienu kapaċi jgħadduh lil ħaddieħor.

L-ewwel tifel tagħhom, John, spiċċa l-iskola primarja imma ma kellux wisq ħajra jkompli jistudja. Għenuh jitgħallem sengħa ta' mastrudaxxa u qed jiddobba jaqla' xi ħaġa billi jagħmel xi xogħol ma' wieħed fil-belt, ftit 'il bogħod minn hawn. It-tifla li twieldet wara John, jisimha Benedikta. Hawnhekk dan l-isem huwa komuni minħabba li l-patrijiet u s-sorijiet benedittini mill-Ġermanja, aktar minn mitt sena ilu, ġew biex jevanġelizzaw din il-parti tat-Tanzanija. Benedikta wkoll wara l-primarja, attendiet fi skola tal-ħjata u tista' taħdem xi ħaġa u taqlagħha wkoll.

L-aħwa li jiġu wara Igino għandhom lejn min iħarsu iżjed milli lejn il-ġenituri biss; żgur li huwa ser jinfluwenza mhux ftit l-andament tal-erba' ħutu l-oħrajn li hemm warajh.

Igino jidher li fl-intelliġenza jgħaddihom sew lil ħutu ta' qablu. Imma fuq kollox huwa wiret sew lill-ġenituri tiegħu. Mindu ltqajt miegħu u ħajjartu jagħmel xi ħaġa għal sħabu fl-iskola fejn kien, mill-ewwel fehem li ma jistax ikun nisrani għalih waħdu. L-eżempju ta' ommu żgur ħadem fuqu. Flimkien ma' dan, meta kien ikun hawnhekk għall-vaganzi, ma kien ifalli qatt laqgħa



waħda taż-żgħażagħ. Għalhekk fl-iskola kien jara kif jiġbor numru minn sħabu; darbtejn fix-xahar kienu jiltaqgħu, jaqraw il-Kelma tal-Ħajja, jaqsmu xi esperjenzi bejniethom; u fuq kollox jingħataw għal sħabhom b'dedikazzjoni mhux komuni. Kull meta kien ikun hemm bżonn xi ħaġa fl-iskola, kont issibhom quddiem nett. Meta ġieli ltqajt mas-surmast tal-iskola, mhux l-ewwel darba li qalli li kienu veru eżempju għal sħabhom. Hawnhekk, iktar ma jgħaddi ż-żmien, iktar qed nitgħallem kemm hija diffiċli l-ħajja fl-iskejjel *boarding*! U studenti hekk, li jitgħallmu tassew, ikunu minn quddiem biex iħobbu l-ewwel lillgħalliema u lil sħabhom. Ma jistennewx lil sħabhom jagħmlu xi ħaġa huma, imma jkunu l-ewwel huma, jaħsbu l-ewwel fi sħabhom imbagħad fihom infushom... mhux ħaġa ħafifa. Imma Igino rnexxielu bil-mod il-mod jagħmel xi ħaġa hekk.

Meta l-ġenituri ġieli talbuni xi għajnuna biex iħallsu l-miżati ta' Igino jew inkella xi ħaġa oħra ta' ħtieġa għaddar, ma kontx naħsibha darbtejn.

B'dan il-mod Igino wasal biex spiċċa s-sekondarja; akkwista riżultat tajjeb u tħajjar jagħmel kors filcomputer. Biex jagħmel hekk tliet snin ilu l-aħjar għalih kien li jmur DaresSalaam. B'xorti tajba, hemmhekk kien joqgħod ma' zijuh, ħu ommu, u rnexxielu jagħmel ħbieb tajba. Anke dawn qabbadtu jien stess magħhom u millewwel sab postu. Mhux biss ma ddiżappuntanix imma kompla jitgħallem u jingħata jagħmel it-tajjeb.

Il-kors li għamel għoġbu ħafna u issa tħajjar jagħmel kors l-università. Hawnhekk l-università mhux bħal Malta fejn l-istudenti jakkwistaw kważi kollox b'xejn u bl-istipendju wkoll. Il-ġenituri jridu jaraw kif ser ifasslu; iktar u iktar meta hemm tfal oħra filfamilja li għad iridu jistudjaw. U barra dan hemm tant ħtiġiet oħra ordinarji bħal ma huma: kura fil-mard, mediċini, vjaġġi l-aktar dawk bżonnjużi u tant ħwejjeġ oħra.

Imma Kilian u martu Kristina ma jaqtgħu qatt qalbhom. U l-Mulej dejjem isibilhom mezzi ta' għajnuna. Meta ltqajna flimkien u rajna x'possibbiltajiet hemm li ngħinu lil Igino jkompli, rajna li bil-ftit li joffru huma u bilgħajnuna li tiġi mis-sema, lil Igino ma ntellfuhx daċ-ċans li ma jiġix lil kulħadd. Fil-fatt, waqt li qed niktbilkom għadni kemm irċevejt donazzjoni mill-*Mission Fund* tal-Mosta li parti minnha ser jeħodha dan l-istudent. Hekk l-ewwel sena tkun kważi mħallsa. Għal quddiem żgur li nsibu aktar għajnuna.

Issa Igino huwa ferm kuntent. Nittama li kemm idum l-università jagħmel ukoll ħbieb tajba u jagħmel ħafna ġid anke hemmhekk fost sħabu. ❑


**Tista' tgħin lill-missjoni billi tiġbor u tibagħtilna:**



- **Bolol u Telecards użati**
- **Muniti qodma ta' Malta u Barra**
- **L-irċevuti fiskali tal-VAT**
- **Kotba bi stejjer fittizji**
- **Postcards**

*Ibagħtuhom lil:*
*Uffiċċju Missjoni Kapuċċini,*
*Kunvent tal-Kapuċċini*
*Floriana VLT 14*

**Nirringrazzjawkom għal kull għajnuna li tagħtuna.**

P. Joe Buttigieg OFMCap



Il-belt ta' Antjokja llum.

# L-Art Imqaddsa tal-Knisja

Ftit huma dawk il-pajjiżi li għandhom aspetti hekk interessanti, diversi, u oriġinali bħalma hija l-Asja Minuri, illum it-Turkija. Għal dak li hu ġmiel naturali, nies mill-aħjar u ospitali, ħajja sempliċi, baħar nadif, wieħed irid iżid il-wirt arkeoloġiku u storiku li bihom hija miżgħuda.

It-Turkija hija art ta' possibbiltajiet kbar. Hija mimlija postijiet li jfakkru storja qadima u ġdida fl-istess ħin, għax il-ġebel tagħhom għadu jwassal dak l-istess messaġġ li għalih kienu ġew mibnija. Infatti, hija hekk mimlija 'tifkiriet' bibliċi u patristiċi, li wieħed jista' jgħid li l-ħajja u l-istorja tal-Knisja ta' l-ewwel żminijiet huma marbuta ma' din in-naħa tad-dinja. Hija kienet l-ewwel art għammlela ll flha nżera' u klber l-Evanġelju, u ll mlnnha nxtered ma' kullimkien.

Il-ġrajjiet, l-ismijiet, u l-postijiet li jissemmew fil-Ktieb ta' l-Atti tal-Appostli, l-Ittri ta' San Pawl, il-Ktieb ta' l-Apokalissi, meta jinqraw hawnhekk, għandhom iġeddu u jgħajxu fil-qalb ta' kull nisrani dak l-ispirtu nisrani li qanqal tant bnedmin biex iħaddnu l-Evanġelju ta' Sidna Ġesù, il-Kristu ta' Alla, jgħejxuh u jixhdu għalih.

Hawn insibu l-preżenza u l-predikazzjoni ta' mhux inqas minn sebgħa mit-tnax-il Appostli. Wara Ġerusalemm, hawn twieldu l-ewwel komunitajiet insara, bħal dik ta' Antijokja, ta' Efesu, f'Iżmir (l-antika Smiryna)



Il-qabar ta' l-Appostlu San Ġwann f'Efesu.



Fdalijiet mill-bażilika ta' San Ġwann.

u l-Knejjes l-oħra tal-Apokalissi li fil-biċċa l-kbira minnhom ġew imwaqqfa mill-istess Appostli. Kien dan il-pajjiż li ta t-twelid lill-Appostlu tal-ġnus, Missierna San Pawl. Huwa f'Efesu li, fost ħafna fdalijiet interessanti u importanti, insibu l-fdalijiet tal-knisja kolossali li ġiet mibnija biex fiha tilqa' l-qabar ta' l-Appostlu San Ġwann, il-maħbub tal-Mulej. F'Efesu wkoll insibu id-dar tal-Madonna, fejn, skond tradizzjoni antika ħafna, għexet l-aħħar snin ta' ħajjitha u minn fejn ġiet imtellgħa fis-sema bir-ruħ u l-ġisem.

Kien hawn li ġew iċċelebrati l-ewwel Konċilji (Niċea, Efesu, Kalċedonja...) li ħadmu l-Kredu Nisrani biex poġġew is-sisien li fuqhom huwa mibni it-tagħlim nisrani kattoliku. Din hija wkoll l-art li tat it-twelid lil ħafna mill-Missijiet il-Knisja bħalma huma Melitone ta' Sardi, Sant' Irinew, Girgor it-Tawmaturgu, it-tliet Kappadoċi, San Bażilju, San Girgor Nazjanzenu, u San Girgor ta' Nissa, u oħrajn bħal Teodorju ta' Mopswestja u San Ġwann Kriżostmu, u tant oħrajn.




*Il-mappa tat-Turkija bis-seba' knejjes li jissemmew fl-Apokalissi.*

Għall-mistoqsija ta' kemm jista' jkun in-numru ta' dawk li saqqew din l-art bid-demm tagħhom, it-tweġiba ma teżistix! Tant kien kbir in-numru ta' dawk li ħallew isem minħabba fil-martirju tagħhom hekk li ma jingħaddux.

Fost dawn il-martri qalbiena nsibu lil Sant'Injażju minn Antijokja u San Polikarpu, dixxiplu ta' San Ġwann l-Appostlu u Evanġelista, u glorja tal-Knisja f'Iżmir.

Fl-aħħarnett, hawn ukoll insibu l-għeruq ta' dik li hija l-liturġija u l-ispiritwalità Biżantina li għadha tiġi kantata u mgħejxa minn miljuni ta' nsara ta' rit orjentali.

Għalhekk, wara l-Palestina, l-Art Imqaddsa ta' Ġesù, it-Turkija hija l-Art Imqaddsa tal-Knisja, għax huwa hawn li n-nisrani jista' jfittex u jsib 'l-għeruq' tal-fidi tiegħu, bħallikieku jerġa' jisma' l-eku tal-predikazzjoni tal-Appostli, jaqra b'mod viżibbli ħafna paġni tal-Bibbja u tal-ispiritwalità nisranija tal-bidu, kif ukoll tal-istorja tal-Knisja. ❑



*Fdalijiet arkeoloġiċi fuq sfond tal-belt ta' Smirne llum.*

ŻGHAŻAGH FRANĠISKANI

*Stephanie Cassar GiFra*

# Riflessjoni, Sagrifiċċju u Talb

Erġajna wasalna għal Marzu ieħor. Marzu, ix-xahar li fih in-natura tieħu l-ħajja permezz tal-bidu tar-rebbiegħa. Marzu, meta l-Knisja tippreżentalna żmien ir-Randan, preparazzjoni għall-qawmien għall-ħajja fi Kristu.

Ir-Randan xi jfisser għalina? Ir-Randan iġib miegħu diversi attivitajiet li saru parti mit-tradizzjonijiet tagħna - il-purċissjonijiet, *pageants*, wirjiet ta' vari u mwejjed imħejjijin b'tifkira ta' l-aħħar ċena tal-Mulej, fost l-oħrajn. Però qegħdin ngħixu l-veru sens tar-Randan f'dan l-aħħar żmien, jew qegħdin nieqfu fit-tradizzjonijiet?

Ir-Randan għalija għandu jġib miegħu żmien ta' iżjed riflessjoni, sagrifiċċju u talb.

Fir-**riflessjoni** għandna nifhmu aħjar l-imħabba ta' Alla għalina u l-misteru kbir tas-salvazzjoni, dan Alla tagħna li tana 'l Ibnu l-waħdieni biex jitgħabba bid-dnub tagħna, imut għalina u jirbaħ il-mewt bil-qawmien tiegħu għall-ħajja.

Permezz tas-**sagrifiċċju** aħna wkoll imsejħin biex immutu ħalli nitwieldu għal ħajja ġdida għax, kif insibu fl-Iskrittura, jekk il-qamħa ma taqax fl-art u tmut, din tibqa' weħidha, iżda jekk tmut, din tagħmel ħafna frott. Dan iż-żmien għandu jimlina bil-kuraġġ ħalli mmutu mill-egoiżmu tagħna, minn dak id-dnub li qiegħed jifridna minn Alla u minn ħutna u li b'hekk ma jħallix lil qalbna tilqa' liberament il-paċi u l-hena li l-Mulej joffrilna. Għax, ngħiduha kif inhi, mhux faċli li tmut mill-egoiżmu li hu parti min-natura tal-bniedem. Kulħadd iħobbha l-kumditù - "Aħjar noħroġ passiġġata nhar ta' Ħadd milli mmur il-quddies; imbagħad issa t-temp sar jippermetti!' jew "Immur inżur l-anzjani fid-djar? U le, m'hemmx għalfejn. Hemm min idur bihom!" Nafu nagħżlu l-kumdità u l-egoiżmu, però dan iż-żmien tar-Randan għandu jgħinna nifhmu nagħmlu għażliet li iktar jagħtu xiehda ta' dak li aħna - xbihat ta' Alla, xbihat ta' mħabba.

It-tielet element importanti huwa t-**talb**. Dan ikompli jgħaqqadna ma' Alla u ma' ħutna l-bnedmin. It-talb huwa verament ħaġa kbira. Huwa komunikazzjoni ma' Alla. Aħna l-bnedmin nistgħu nitkellmu mas-Sid tas-sema u l-art, il-ħallieq tagħna lkoll.

U veru faċli:

- it-talb huwa l-irħas tip ta' komunikazzjoni u l-iżjed wieħed effettiv!
- tista' tagħmel użu minnu erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, mit-Tnejn sal-Ħadd, il-festi inklużi!
- m'hemmx post partikulari il Mulej jirċievi messaġġi minn kwalunkwe post fejn jgħammru n-nies!
- tista' tuża liema lsien trid. Alla jifhem lil kulħadd għax Hu jaqra l-qlub tagħna!

Xtaqt nagħlaq dawn il-ftit ħsibijiet tiegħi b'parti minn meditazzjoni tal-Beata Madre Tereża ta' Kalkutta, li fiha tesprimi min hu Ġesù għaliha:

*To me -*
*Jesus is my God; Jesus is my Spouse*
*Jesus is my Life; Jesus in my only Love*
*Jesus is my All in All; Jesus is my Everything.*

*Jesus, I love you with my whole heart, with my whole being. I have given Him all, even my sins and he has espoused me to himself in tenderness and love.*

*Now and for life I am the Spouse of my Crucified Spouse. Amen.* ❑



P. Frans Abela OFMCap

# Paradossi Evanġeliċi

IT-TIELET PARTI

## Is-siwi ta' l-umiltà

Meta darba waħda Ġesù kien mistieden għal ikla għand kap tal-Fariżej u nnota kemm il-mistednin bdew jagħżlu l-postijiet ta' quddiem fil-mejda, irrimarka: "Tmurx toqgħod fil-post ta' quddiem..., għax kull min jitkabbar jiċċekken; u min jiċċekken, jitkabbar" (Lq 14, 8). Żgur li mhux fil-lista tal-hobbies personali li wieħed iħobb jgħaddi ż-żmien jisma' bil-qalb lil min jiksru, imaqdru, ikasbru u jbaxxih għal kull fettuqa. Aktarx li ssibna magħmulin li nħobbu niftaħru, nuru rwieħna u nippreferu lil min jgħollina għal min iċekkinna. Is-silta tal-Evanġelju msemmija mhix favur ta' din l-imġiba tagħna. A propositu ta' kemm Alla jkabbar lil min jiċċekken, nistgħu nsemmu diversi episodji mill-ħajja ta' San Franġisk, l-aktar klassiku fosthom kien dak tat-talba-djalogu bejnu u bejn Fra Leone. Waqt li Franġisku pprova jiċċekken kemm felaħ, l-ieħor imbuttat minn qawwa interjuri żiedlu fit-tifħir meta qallu li ma setax jagħmel ħaġa oħra għajr jgħollih u jfaħħru, għax kien Alla nnifsu li qed jagħmel dan b'fomm Fra Leone (Fjuretti 9).



*San Franġisk. Affresk til-Bażilika ta' San Franġisk f'Assisi.*

## Talb kontinwu

Permezz tal-parabbola ta' mħallef li ma ried b'xejn jaqta' kawża ta' armla kontra l-għadu tagħha jekk mhux wara li ħassu mifni minnha ġejja u sejra titolbu jagħmlilha ħaqq, Ġesù, biex jiżgurana li meta ngħajtulu lejl u nhar jismagħna, qalilna li: "għandna nitolbu dejjem bla ma naqtgħu" (Lq 28, 1). Li taħseb biss kemm dal-kmand ta' Ġesù li 'titlob bla waqfien' mingħajr ma ddawwar il-moħħ u l-qalb mid-djalogu intimu ma' Alla fuq xi ħaġa oħra, hi diġà ħaġa diffiċli. Aħseb u ara kemm hu possibbli li tħalli x-xogħol, l-istudju, it-tisjir, il-ħasil u l-mogħdija tal-ħwejjeġ u mitt elf ħaġa oħra fil-ġenb biex toqgħod il-ġurnata kollha titlob! Lanqas fl-erwieħ kontemplattivi f'dil-ħaġa mhi r-realtà ta' kull jum għax l-istil ta' ħajjithom hu tiżwiq ta' talb u ħidma. Madankollu Franġisku għaraf jinterpreta tant tajjeb l-impenn tat-talb bla waqfien, li mill-oħrajn hu kien meqjus "mhux biss bi bniedem li jitlob, imma li bidel lilu nnifsu f'talb."

## Għeluq

B'dil-kitba ma fhimtx nispjega t-testi oskuri u tqal tal-Evanġelju għax barra mis-seba' siltiet li slitt minnu żgur li hemm ħafna oħrajn li jqanqlu kurżità u interess biex tifhimhom. Pjuttost fhimt inħajjar u nħeġġeġ għall-qari tal-Bibbja b'mod partikulari tal-Evanġelju preferibbilment mogħnija b'noti ta' fissiera esperti. U dan biex ma jiġrilniex bħal uħud mid-dixxipli ta' Ġesù huwa u jaċċenna għall-Ewkaristija - ġismi u demmi huma ikel u xorb - li telqugħ għax qalu: "iebes dal-kliem, min jiflaħ jisimgħu!" (Ġw 6, 60). Il-qari, l-istudju u r-riflessjoni tal-Kelma ta' Alla jgħinuna ħafna fil-ħajja ta' talb sew privat u sew komunitarju. ❑



# Nitkellmu ma' P. Spiru Galea OFMCap

***Għażiż P. Spiru, naf li inti minn Għawdex. X'tiftakar mit-tfulija tiegħek u l-familja tiegħek?***

Fil-familja qegħdin disa' aħwa, tlett ibniet u sitt subien. Il-ġenituri mejtin. Jiena l-ħames wieħed u t-tielet waħda minn ħuti hija soru Franġiskana tal-Qalb ta' Ġesù, Sr. Fedelina, li qiegħda taħdem fil-klinika ta' San Salvatore f'Ġerusalemm. Peress li missieri kien bidwi u jrabbi l-annimali fi tfuliti niftakar li aħna konna mmorru wkoll nagħtu daqqa ta' id naqtgħu l-ħaxix għall-annimali. Wara l-ħin ta' l-iskola konna wkoll immorru nirgħu l-mogħoż u n-nagħaġ. Meta kibru ħuti ta' qabli u anke ta' warajja, peress li kien hawn nuqqas ta' xogħol, siefru lejn l-Awstralja. Infatti anke issa għandi erba' ħuti subien u oħti, illum miżżewġin, li ssetiljaw hemmhekk.

***Kif tiftakru lil Għawdex u x'differenzi tara llum wara tant żmien?***

Lil Għawdex niftakru differenti ħafna. Iktar kwiet, inqas traffiku ta' karozzi. Kont tara l-bdiewa għaddejjin bil-ħmar jew xi żiemel bil-karettun iġorru l-prodotti tagħhom lejn id-dar jew lejn is-suq. Anke meta kont immur il-*Lyceum* konna mmorru bil-*bicycle* u ġieli konna nirritornaw bil-mixi lejn id-dar. Illum f'Għawdex sar ħafna żvilupp u progress, però, fl-idea tiegħi, naħseb li dawk li huma responsabbli hemm bżonn li joqogħdu attenti biex ma jkomplux iħassru l-ambjent sabiħ u naturali tal-gżira tat-tliet għoljiet.

***Tiftakar f'xi episodji jew personalitajiet importanti li ltqajt magħhom meta kont għadek żagħżugħ?***

Għalija persuna importanti ħafna huwa Mons. Nikol G. Cauchi, l-isqof ta' Għawdex. Meta konna żgħażagħ fl-Azzjoni Kattolika kien jieħu ħsiebna u jgħallimna. Għalija personali kien ukoll ta' għajnuna fil-vokazzjoni tiegħi.

Persuna oħra huwa Frenċ tal-Għarb li kien devot ħafna tal-Madonna ta' Pinu. Peress li kellu don kbir li jagħti kura lin-nies morda b'mediċina li kien jagħmel hu stess mill-ħxejjex, ħafna Maltin u Għawdxin kienu jmorru għandu, però qatt ma kien jeħdilhom flus. Kien jgħidilhom imorru ta' Pinu jinviżtaw lill-Madonna u jagħtu l-offerta tagħhom hemmhekk.

***Kif għażilt li tidħol patri Franġiskan Kapuċċin?***

Fir-raħal tal-Għarb fejn trabbejt, fl-Avvent u fir-Randan, kienu jiġu jippridkaw il-patrijiet Kapuċċini. Niftakar fosthom lil P. Fidiel, P. Robertu, P. Stiefnu u P. Samwel. Il-fratell lajk kien jiġi wkoll jiġbor iċ-ċirka jħabbat bieb bieb. Dawn dejjem kienu jimpressjonawni u kont inħoss ġibda lejn il-Kapuċċini. Meta kont il-*Lyceum*, fil-ħin tal-*break*, ġieli konna wkoll immorru sal-Kapuċċini ninviżtaw il-Madonna tal-Grazzja u ninżlu fil-kannierja fejn hemm midfun Fra Baskal. Ta' tmintax-il sena ddeċidejt li nidħol Kapuċċin.

***Wara li qaddist, x'kienet il-ħidma tiegħek fi ħdan il-Provinċja?***

Wara li qaddist, fl-4 ta' Lulju tal-1965, mort għamilt sena studju ta' teoloġija pastorali fil-kunvent ta' Montughi ġo Firenza. Wara għamilt sitt snin Gwardjan fil-kunvent ta' Għawdex u tliet snin Gwardjan fil-kunvent ta' Santa Liberata, il-Kalkara. Imbagħad, fl-1977, irriżenjajt minn Gwardjan biex stajt immur bħala missjunarju fil-Kenja.

***X'tista' tgħidilna dwar il-ġibda li ħassejt ġewwa fik biex tmur il-missjoni?***

Minn meta kont student kont ninteressa ruħi fil-missjoni. Meta kont għadni Gwardjan Għawdex kont tlabt biex immur l-Indja imma l-Gvern ta' dak iż-żmien fl-Indja kien waqqaf il-permessi li jaċċetta missjunarji barranin.

***Bħalissa, x'inhu x-xogħol tiegħek fil-missjoni tal-Kenja?***

Bħalissa jiena membru fil-Kunsill tal-Viċi Provinċja tal-Kenja, Superjur tad-dar ta' Hola u dan l-aħħar l-Isqof Mons. Pawlu Darmanin għażilni bħala l-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Garissa.

***X'taħseb li huma l-ingredjenti li jagħmlu persuna missjunarja?***

Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li l-missjunarju mhux sojjor f'xi post bogħod minn art twelidu biex jagħmel xi avventura jew bħala turist. Irid ikun lest għal kull ma jista' jinqala' bil-ħsieb li jagħti xiehda ta' Kristu bil-kliem u anke bl-imġiba tiegħu. Fuq kollox ma jħallix li x-xogħol materjali jeħodlu ż-żmien kollu u jinsa l-ħajja importanti tat-talb u l-qadi bħala reliġjuż u saċerdot.

***Tixtieq tgħaddi xi kelmtejn lill-qarrejja ta' din ir-rivista?***

Lill-qarrejja ta' din ir-rivista nixtieq ngħidilhom biex ikomplu jagħtu l-appoġġ tagħhom lill-Editur u lill-istaff tar-rivista, iħallsu l-abbonament u jħajru oħrajn jabbonaw fiha. Hija rivista magħrufa ħafna u ta' interess kbir. Anke aħna fil-missjoni naqrawha u ħutna l-Kenjani jieħdu gost jaraw ir-ritratti u l-istampi u jgħidulna biex infissrulhom dak li jkun hemm miktub fiha. ❑

# Lejn Alla bl-isport - 3



*Pierre Coubertin*

Pierre Coubertin, il-fundatur tal-Logħob Olimpiku modern, kien iħares lejn l-isport bħala ħaġa qaddisa. Għalih l isport jiftaħ il-bibien tar-rispett, tal-ftehim u tal-ħbiberija. Jekk niflu sewwa dan il-kunċett inkunu nistgħu nipprattikaw il-kmandament ta' Alla "ħobbu lil xulxin". L-imħabba hija l-qofol tar-reliġjon kattolika li mingħajrha ħadd ma jista' jaspira li jilħaq l ewwel għan li għandu jkollu l-bniedem - li jsalva ruħu. Il-mibegħda u l-vjolenza huma attributi ta' nies li jaqtgħu qalbhom. L-isport huwa Ordni ta' qlubija u għandu jgħinna biex nirrispettaw dawk il-valuri li jagħmluna nies rispettati u fuq kollox nies veri dixxipli ta' Ġesù.

Il-valuri nsara huma dawk l-istess valuri li l-isport jiġġenera fina biex nakkwistaw ir-rebħ. Fl-isport nagħmlu sagrifiċċji kbar biex nilħqu l-għan tagħna li nirbħu t-tazzi u l-midalji. Fl-entużjażmu tagħna għas-suċċess kważi ninsew lilna nfusna biex nikkonċentraw fuq it-taħriġ neċessarju. Dan hu importanti biex nimxu lejn it-triq tar-rebħ, imma fl-istess ħin irridu nżommu quddiem għajnejna l-valuri l-oħra li huma l-lealtà lejn l-oħrajn, id-determinazzjoni, l-onestà, ir-rispett lejn l-avversarji u fuq kollox il-*fair-play*.

Il-prattika tal-isport tgħallimna nkunu nies iddixxiplinati billi rridu nżommu mar-regoli tal-logħba li nkunu nipprattikaw. Nitgħallmu wkoll kif niġġieldu u nirsistu għar-rebħ b'manjieri ġentlomi u mingħajr mibegħda. Fl-isport nitħarrġu kif nirrispettaw lill-avversarji sportivi. F'kelma waħda l-isport jagħtina dawk il-kwalitajiet neċessarji biex ngħixu ħajja ferrieħa, ta' frott għalina nfusna u għall-oħrajn u fuq kollox biex inkunu ċittadini kostruttivi u nġibu l ferħ kulfejn inkunu. Sfortunatament insibu nies li r-rebħ fl-isport huwa l-uniku għan li għandhom. Jinsew il-valuri l-oħra u biex jakkwistaw midalja jew trofew lesti jagħmlu affarijiet li huma tal-mistħija u kultant anki jaġixxu bħall-annimali.

L-isport huwa mezz biex nagħrfu d-defiċjenzi fil-karattru tagħna bħalma huma l-egoiżmu, l-inferjorità, il-biża' u r-rabja. Darba li nkunu nafu dawn id-defiċjenzi nkunu nistgħu naħdmu biex flokhom indaħħlu l-kooperazzjoni, il-kuraġġ, il-perseveranza, ir-rispett lejn l-oħrajn u dawk il-kwalitajiet li jagħmlu l-bniedem superjuri fuq kreaturi oħra. Dawn huma l-valuri li Ġesù ppriedka matul ħajtu u li, jekk inżommuhom, inkunu fit-triq it-tajba lejn l-aqwa trofew li nistgħu nirbħu - il-ħajja eterna ma' Ġesù.




### Riflessjoni

***L-imħabba hija l-qofol tal-qdusija. Dejjem għandna nuru rispett lejn l-oħrajn. Nagħtu kuraġġ lil min ikun qed ibati. Tbissima tagħmel il-mirakli. Nikkontrollaw irwieħna meta nkunu inġurjati jew irrabjati għal xi azzjoni ħażina kontra tagħna. Immorru fejn immorru dejjem għandna jkollna tbissima.*** ❑

Br Andrè Azzopardi OFMCap

# Il-Qima lejn San Franġisk t'Assisi fil-Knejjes Maltin

IT-TLETTAX-IL PARTI

***Fit-tlettax-il parti mis-sensiela li qed nippubblikaw dwar il-qima lejn San Frangisk t'Assisi fil-knejjes Maltin, ser immorru fil-lokalità tal-Ħamrun fejn hemm l-Istitut ta' Fra Diegu. Il-vjaġġ tagħna jeħodna wkoll fil-parroċċa ta' San Ġorġ Martri f'Ħal Qormi fejn ser niltaqgħu ma' żewġ kwadri u statwa li jinsabu fil-knisja parrokjali.***

Fil-lokalità tal-Ħamrun, li diġà żorna iżjed qabel f'dawn l-artikli, ser immorru sa l-***Istitut ta' Fra Diegu***. L-Istitut ħa ismu minn Fra Franġiskan li qabel kien jismu Gulielmu Bonanno. Dan l-Ajk ra l-ħtieġa li jiġbor f'post wieħed lil għadd ta' tfajliet li kienu abbandunati u għalhekk setgħu jaqgħu f'diversi perikli morali. Wara diversi tentattivi biex dan iseħħ hu fetaħ istitut fil-Ħamrun fl-1885 u semmieh għall-qaddis t'Assisi. F'dan l-istitut, barra li t-tfajliet u ltiema oħra kienu jingħataw kenn, huma kienu jiġu mgħallma snajja utli għal ħajjithom bħal ħjata u ħwejjeġ oħra. Illum dan l-istitut għadu jilqa' tfal li għandhom diversi ħtiġiet u jinsab f'idejn is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, imwaqqfin minn Madre Margerita Debrincat fl 1880 li jieħdu ħsieb dawn it-tfal.



Fid-daħla tal-kappella ta' dan l-istitut, li fiha jiltaqgħu s-Sorijiet u t-tfal għall-ħinijiet tat-talb, hemm kwadru li juri lill-Patrijarka t'Assisi. Dan hu xogħol ta' l-artist popolari Malti Lazzaro Pisani li għandna bosta xogħlijiet tiegħu fil-knejjes Maltin. Is-sena ta' meta sar dan il-kwadru hi l-1882. Il-kwadru juri lil dan il-qaddis f'dehra beatifika mdawwar bis-sħab u minn żewġ anġli b'idejh miftuħa jħares 'il fuq.



Fil-jiem tal-festa ta' dan il-qaddis, jiġifieri fl-4 t'Ottubru, tintrama fil-kappella statwa ta' San Franġisk t'Assisi. Hi turi lil dan il-qaddis b'idejh marbuta f'xulxin u b'ħarstu merfugħa 'l fuq bil-kapoċċ f'rasu. Riġlejh qed jistrieħu fuq globu bil-kliem *Pax et Bonum* li huma kliem tat-tislima popolari franġiskana *Paci u Ġid.* L-istatwa tidher li hi magħmula fil-ġibs iżda l-oriġini tagħha u kif din sabet ruħha f'dan l-istitut mhumiex magħrufa.

Il-***Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ Martri*** fil-***Belt Pinto***, hi miżgħuda b'għadd ta' opri artistiċi. Fosthom insibu kwadri u statwa li jirrappreżentaw lil dan il-qaddis.

Fil-muzew ta' din il-knisja parrokkjali nsibu sotto-kwadru ta' San Franġisk qed jirċievi l-pjagi. Il-post oriġinali ta' dan il-kwadru kien fuq l-artal tal-Gandlora. Il-kwadru tqiegħed fuq dan l-artal madwar l-1733. Dan nafuh għaliex, fid-19 t'April ta' dik is-sena, Francesco Farrugia waqqaf fundazzjoni għal quddiesa kantata bil-priedka biex tiġi ċċelebrata fil-festa tal-qaddis. L-atti notarili tan-nutar Gaspare Domenico Chircop juru dan.



mdawwar mill-ħamiem qed jerfa' idejh biex ibierek. Il-kwadru huwa ddatat u ffirmat mill-pittur famuz Malti tas-seklu għoxrin.



Il-kwadru tneħħa minn fuq dan l-artal għall-ħabta tas-sena1802 meta tqiegħed minfloku l-korp sant ta' San Massmu.

Mhux ċert minn hu l-awtur ta' dan il-kwadru għalkemm hemm xi wħud li jsostnu li ħareġ minn idejn Francesco Zahra. Fl-informazzjoni li kien għaddieli s-Sur Joseph F. Grima dwar dan il-kwadru, hu jistqarr li: *"ċertament mhux nieqes mill-mertu artistiku imma mhux daqshekk faċli tattribwih. Ma tistax teskludi lil Zahra għal kollox imma jkun aħjar li wieħed jgħid li huwa xogħol ta' artist tajjeb u jieqaf hemm."*

L-istil tal-kwadru hu dak tal-Barokk Naplitan fejn il-figura ta' Franġisku t'Assisi tiddomina tista' tgħid it-tila kollha. Il-qaddis jidher b'id waħda miftuħa u b'wiċċu sfigurat bl-uġigħ qed iħares b'rassenjazzjoni lejn is-sema waqt li f'ġismu qed jiġi ssiġġillat bil-pjagi. Hemm anġlu li qed iqiegħed idu l-leminija fuq sidru. L-istat ta' preservazzjoni tal-kwadru hu tajjeb ħafna.

Fl-1960, taħt l-artal tal-Kunċizzjoni sar kwadru żgħir ieħor minn Emvin Cremona (1919-1987). Dan hu l-aħħar kwadru li tpitter għal din il-knisja parrokkjali. L-artal tal-Kunċizzjoni kien fil-kura tat-Terz' Ordni Franġiskan u kienu huma li ħasbu biex isir dan il-kwadru żgħir. Dan is-sotto kwadru ħa post ieħor li kien juri t-twelid ta' Ġesù Bambin. It-Terz' Ordni Franġiskan twaqqaf f'din il-parroċċa fl-1833. Fih jidher San Franġisk, f'nofs figura



L-istatwa hi xogħol fil-kartapesta ta' Vincenzo Cremona (1851-1912) u turi lil San Franġisk bejn żewġ anġli mdaqqsin fuq sħaba b'irjus ta' anġli żgħar. Id-data ta' meta saret din l-istatwa mhux magħrufa għalkemm hu maħsub li setgħet saret lejn tmiem is-seklu dsatax. Wieħed malajr jista' jara qbil bejn din l-istatwa u l-istatwa titulari li nsibu fil-parroċċa ta' Ħal Lija. Din saret minn Karlu Darmanin fl-1864. Għalkemm hu maħsub li Cremona għamel din l-istatwa wara li kienet saret dik f'Ħal Lija, iżda hu uża l-istess stil li naraw fil-vara ta' Darmanin. Dan narawh fin-numru ta' persunaġġi li hu għamel u l-pożizzjoni tagħhom. Kien ħallas għaliha Ġorġ Borg li għamilha b'wegħda li kellu fi tmiem is-seklu dsatax.

Din l-istatwa kienet tinħareġ proċessjonalment fit-toroq ta' Ħal Qormi sas-snin sittin sakemm spiċċa t-Terz' Ordni Franġiskan f'din il-parroċċca. Illum wieħed jista' jara din l-istatwa ġewwa niċċa fis-sagristija. Jingħad ukoll li din l-istatwa kienet intużat f'xi okkażjoni importanti marbuta mal-ħajja ta' dan il-qaddis fuq l-altar maġġur tal-knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali tal-Belt Valletta. Hawnhekk nixtieq irrodd ħajr lis-Sur Joseph F. Grima u lil Br Reno Muscat OP għat-tagħrif li għaddewli dwar il-qima lejn San Franġisk f'din il-parroċċa Qormija. ❑

P. William Axiaq OFMCap

# Lil żewġi nafdah ma' *star* ta' *Hollywood*?

*Father*, ir-raġel tiegħi huwa *hairdresser* prim. Is-*salon* tiegħu dejjem mimli bin-nies. Ma ħax il-fama għal xejn, għax kapaċi, kif ngħidlek jien. Sa ftit ilu dejjem mexxejna sew fiż-żiewġ tagħna. Naf li kuljum jagħmel il-*hairsetting* ta' ħafna tfajliet u nisa u qatt ma sibt diffikultà jew oġġezzjoni għax-xogħol tiegħu. Issa l-fama tiegħu waslet f'widnejn propretarji ta' *cruise liners* u dawn qegħdin iċemplulu, jibagħtulu *faxes* u messaġġi fuq il-*mobile* biex jaċċetta kuntratti ta' tliet xhur jew iżjed u jmur jaħdem fis-*salons* tal-*cruisers*, ħalli jaqdi l-istaff u l-passiġġieri. Dawn l-inviti ġennuh.

Ma jridx jaf għajr li jaċċetta l-kwalità ġdida ta' xogħol li ppreżentatlu ruħha. Minħabba f'hekk beda l-inkwiet bejnietna, għax jien ma naqbilx li għandu jaċċetta kuntratti simili. Nibża' li dan ix-xogħol ġdid jista' jisfaxxa ż-żwieġ tagħna. Irridu jifhimha li jekk irridu nibżgħu għalih, irridu nagħmlu ċerti sagrifiċċji. Il-flus mhux kollox fil-ħajja u l-fama lanqas. Taħseb li qed nimxi sew ma' żewġi jew qed nitlob iżżejjed minnu?

"Aħseb il-ħażin biex ittajjeb ma jonqosx." Hekk jgħid il-Malti. Naturalment ma jgħidx għalxejn. Naħseb li f'din l-espressjoni, mimlija esperjenza, tinġabar id-diffikultà tiegħek.



Nara li, sa ċertu punt, għandek raġun tinkwieta meta tara lil żewġek imwebbel waħda sew biex jaċċetta bħala *hairdresser* kuntratt ta' tliet xhur fuq *cruiser*. Inti tista' tissoponi f'liema sitwazzjoni jista' jsib ruħu. Il-ħajja ta' fuq il-baħar, iżjed u iżjed, meta tkun rikreattiva u divertenti mhix dik ta' fuq l-art. Għandek raġun tagħmel distinzjoni bejn is-*salon* tiegħu u s-*salon* ta' vapur tat-turisti. Hemm differenza kbira. Fl-ewwel każ imorru nisa jagħmlu xagħarhom lebsin mod u fit-tieni wieħed l-istess persuni jistgħu jmorru jagħmlu xagħarhom lebsin kif ġie ġie, speċjalment jekk il-*cruiser* jaqbeż l-*Equator*!

Min-naħa l-oħra, jiena tal-fehma li, jekk mara tħobbu tassew lir-raġel tagħha, żgur li tafdah saħansitra ma' l-aqwa artista ta' *Hollywood*, ħaġa li lir-raġel tagħmillu ħafna ġid. Jekk l-imħabba ma tkunx sfidata, x'tiswa? Dan ngħidu iżjed u iżjed meta fin-nofs hemm il-prestiġju tar-raġel fejn jidħol ix-xogħol tiegħu, barra l-flus li jista' jdaħħal. Hawnhekk irridu ngħidu li ma tagħtihx tort li tilef rasu wara l-inviti li qegħdin jagħmlulu propretarji ta' *cruise liners*. Li tara x-xogħol tiegħek qed jiġi apprezzat din hi xi ħaġa li lir-raġel issaħħru u tagħtih ħafna sodisfazzjon. Barra minn hekk, hi wkoll xi ħaġa li tħalli l-effett tagħha anki fuqek bħala martu.

Issa se nagħmillek mistoqsija. Tista' tmur mar-raġel sakemm jispiċċalu l-kuntratt? Jidhirli li s-soltu hekk isir il-ftehim. Ir-raġel jaċċetta ċertu xogħol fuq *cruiser* bil-patt u l-kundizzjoni li martu tmur miegħu, meta jkun possibbli għaliha. Jekk il-każ huwa hekk, din il-ħaġa toffrilek l-aħjar soluzzjoni għall-problema li sibt ruħek fiha, basta ma tmurx biex toqgħod tassisslu, għax inkella jinħolqu problemi ġodda. Tgħidlix li l-baħar jagħmillek id-deni jew tippreferixxi toqgħod id-dar, għax inti trid tkun kapaċi tagħmel ftit tas-sagrifiċċju, biex ma jinqalax inkwiet fiż-żwieġ tagħkom.

Jekk mhux possibbli li tmur mar-raġel, naħseb li tridu tagħmlu patt bejnietkom: li ma jiħux il-lala u jibda jaċċetta ta' spiss il-kuntratti li tkellimt dwarhom fl-ittra.

Naħseb li bi ftit sforz, djalogu, kalma, sagrifiċċju, komprensjoni u patti ċari bejnietkom, tkunu kapaċi taslu x'imkien u ma titilfux it-trankwillità taż-żwieġ tagħkom. Bit-tħaddim ta' dawn il-mezzi jirnexxilkom iżżommu ruħkom fil-meqjus u tevitaw li titolbu żżejjed minn xulxin. ❑



KUBA

P.Philip Cutajar OFMCap

# "Il-Preżenza Soċjali tal-Knisja"

## Istruzzjoni teoloġika-pastorali maħruġa mill-Konferenza ta' l-Isqfijiet ta' Kuba - 8 ta' Settembru 2003

### L-EWWEL PARTI

Filwaqt li f'Malta nhar it-8 ta' Settembru nkunu qed niċċelebraw il-festa tat-Twelid ta' Marija jew aħjar kif inhi magħrufa fostna l-festa tal-Vitorja, f'Kuba tkun qed tiġi ċċelebrata l-festa ta' *La Virgen Maria de la Caridad* (Il-Verġni Marija tal-Karità) li hija l-patruna ta' Kuba. Għal din il-festa, li hija appuntament annwali importanti għall-Kattoliċi Kubani, l-isqfijiet joħorġu Ittra Pastorali għall-Kubani kollha. Id-dokument li ġie ppubblikat mit-tlettax-il isqof li jiffurmaw il-Konferenza ta' l-Isqfijiet Kubani nhar l-aħħar festa li ġiet iċċelebrata nhar it-8 ta' Settembru tas-sena 2003 ingħata l-isem ta' *"La Presencia Social De La Iglesia"*- "Il-Preżenza Soċjali tal-Knisja". Nixtieq naqsam magħkom xi ftit riflessjonijiet dwar dan id-dokument li minbarra li fih materjal teoloġiku-pastorali interessanti jista' jgħin ukoll biex wieħed jifhem is-sejħa tal-Knisja fis-soċjetà b'mod partikulari f'dik Kubana.

## Introduzzjoni

Fl-introduzzjoni l-Isqfijiet jgħidu li immotivawhom sabiex jiktbu dan id-dokument kienu l-festa tal-Madonna - Patruna ta' Kuba - u għeluq il-ħames snin mill-inkoronazzjoni tax-xbieha tal-Madonna tal-Karità li seħħet mill-Papa Ġwann Pawlu II fil-viżta li kien għamel f'Kuba sitt snin ilu.

L-isqfijiet kitbu li l-għan tagħhom huwa li jippreżentaw lill-poplu Kuban l-identità tal-vokazzjoni tal-Knisja fis-soċjetà tagħhom, identità mibnija fuq is-sejħa li Kristu, bħala fundatur, għamel lill-Knisja tiegħu; Kristu li huwa t-triq, is-sewwa u l-ħajja (Gw 14,6) u li "għandu l-kliem tal-ħajja ta' dejjem" (Ġw 6, 68).

## Għaxar snin mil-"L-imħabba kollox tittama"

Fl-ewwel parti tal-pastorali tagħhom l-isqfijiet jagħmlu riferenza għal dokument ieħor li huma kienu ppubblikaw għaxar snin ilu bl-isem "L-Imħabba kollox tittama". F'dan id-dokument huma kienu esprimew il-preokkupazzjoni tagħhom dwar is-sitwazzjoni ekonomika ferm prekarja li minnha kien għaddej il-pajjiż eżattament wara l-waqgħa tal-komuniżmu sovejtiku li bħala konsegwenza kienet waqqfet kull għajnuna li sa dak in-nhar Kuba kienet tirċievi mir-Russja. Kien zmien - u dan iż-żmien fil-preżent għad hemm l-effetti tiegħu - meta Kuba bdiet tħoss il-piż ta' żewġ *embargos*: dak Amerikan li ilu mis-



*P. Philip Cutajar flimkien ma' l-Isqof ta' Santa Clara, Mons. Arturo Gonzales Amador*

sena 1961 u issa dak Russu li beda fis-sena 1992. L-isqfijiet jgħidu kif dak id-dokument kien ġie kkritikat bl-aħrax min-naħa tal-gvern, għalkemm qatt ma ppubblika il-kontenut tiegħu fil-*media* li huma kollha f'idejh. Però, ikomplu jgħidu l-isqfijiet, għalkemm dan kien dokument li ġie attakkat ferm min-naħa tal-gvern komunista, f'inqas minn sena l-istess gvern beda jpoġġi fil-prattika l-proposti li l-isqfijiet ippreżentaw fl-Ittra Pastorali ta' għaxar snin ilu. Huma jinnotaw li d-dħul fis-seħħ ta' dawn il-proposti nissel klima ġdida fis-soċjetà Kubana.

## Iż-żjara tal-Papa

Wara l-isqfijiet għaddew biex jitkellmu mill-viżta li l-Papa Ġwanni Pawlu II għamel f'Kuba sitt snin ilu. L-istedina tal-Papa: "li Kuba tinfetaħ għad-dinja u d-dinja tinfetaħ għal Kuba" ħalliet effett, jistqarru l-isqfijiet, imma mhux dak mixtieq. Din l-istedina tal-Papa ġiet milqugħa minn diversi pajjiżi li fetħu ma' Kuba relazzjonijiet diplomatiċi li qabel ma kinux jeżistu u anke nfetħu possibbiltajiet għall-kummerċ. Però għad jonqos xi jsir fejn jidħol is-sehem ta' Kuba. L-isqfijiet jistiednu lill-mexxejja ċivili sabiex, hekk kif qed iwettqu passi pożittivi fejn jidħlu d-drittijiet bażiċi fl-edukazzjoni, fis-saħħa u fis-sigurtà soċjali, ifittxu li jimplimentaw sforzi ġodda sabiex jiġu rispettati drittijiet oħra favur id-dinjità tal-bniedem maħluq ħieles minn Alla.

## Ħarsa lejn ir-realtà

Fil-ħarsa li l-isqfijiet jagħtu lejn is-sitwazzjoni preżenti f'Kuba jelenkaw xi realtijiet, fosthom:

a) li kważi immedjatament wara l-viżta tal-Papa fil-pajjiż ingħata bidu għal proċess li jimblokka l-aspirazzjonijiet għall-pluraliżmu, it-tolleranza u l-ftuħ għad-djalogu fis-socjetà Kubana;

b) inħolqu restrizzjonijiet fuq livell ta' ekonomija speċjalment f'relazzjoni maċ-ċittadin li jipprova jiftaħ xogħol għal rasu;

c) ritorn għal-lingwaġġ u għall-metodi antiki li kienu jistemgħu u jintużaw fl-ewwel snin tar-rivoluzzjoni;

d) identifikazzjoni tal-liġijiet ma' l-ideoloġija ta' l-Istat b'konsegwenza li dak kollu li jmur kontra l-ideoloġija tal-partit huwa illegali;

e) baqgħu ma seħħewx ħafna mit-talbiet li saru matul il-viżta tal-Papa fir-relazzjoni ta' aktar libertà għall-Knisja Kattolika f'Kuba;

f) iċ-ċittadini Kubani nħakmu minn attitudni ta' qtigħ il-qalb, u, sforz it-toqol ta' kuljum sabiex tgħix ħajja diċenti, qed jiżdied in-numru ta' dawk li jridu jitilqu mill-pajjiż;

g) l-aħħar arresti li saru lin-nies għax ma jaqblux mas-sistema politika tal-gvern preżenti - aktar u aktar għall-fatt li dawn ingħataw sentenzi ta' ħabs twal u wara proċessi qosra;

ħ) l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt li seħħet f'nofs is-sena li għaddiet fuq żgħażagħ li ppruvaw jaħarbu minn Kuba lejn Miami.

Quddiem dawn l-aħħar żewġ realtijiet li seħħew f'Kuba matul ix-xhur tas-sajf li għadda l-Papa, b'ittra li bagħat personalment lil Fidel Castro, wera d-dispjaċir tiegħu u talab għall-klemenza ta' dawn il-priġinieri politiċi - u hawn l-isqfijiet Kubani jissieħbu mas-sentimenti u t-talba li għamel il-Papa. ❑



*Il-Papa Ġwanni Pawlu II flimkien ma' Fidel Castro*

# Ftuħ tal-Librerija Biblika

Nhar it-Tlieta, 10 ta' Frar 2004, l-Aħwa Kapuċċini Maltin iċċelebraw quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla fl-okkażjoni tat-30 sena mill-pubblikazzjoni ta' *Kliem il-Ħajja*. Il-quddiesa li kienet immexxija mill-Ministru Provinċjali, P. Crispin Tabone OFMCap, saret fil-knisja tal-Kapuċċini fil-Floriana. Għal din il-quddiesa ġew mistiedna d-distributuri kollha ta' *Kliem il-Ħajja*.

Fl-omelija P. Crispin tkellem fuq din l-inizjattiva ta' P. Donat Spiteri OFMCap li bdiet b'2,000 kopja u li llum, tletin sena wara, laħqet l-20,000 kopja. Dan ifisser li numru kbir ta' familji Maltin qed jaqraw silta mill-Bibbja ta' kuljum flimkien ma' l-ispjegazzjoni ta' din is-silta.

Wara l-quddiesa l-Provinċjal bierek u fetaħ b'mod uffiċjali l-Librerija Biblika li twaqqfet f'dan l-istess kunvent u li tagħmel parti mill-uffiċċju ta' Kliem il-Ħajja li fih isir ħafna mix-xogħol preparatorju ta' din il-pubblikazzjoni.



*Patri Crispin Tabone, Min. Prov., ibierek il-Librerija Biblika. Ħdejh jidher P. Donat Spiteri*

F'din il-librerija hemm bosta kotba ta' studji speċjalizzati ta' l-Iskrittura. L-għan huwa li jiġu mgħejuna studenti fl-Università u studenti oħra li qegħdin jew jixtiequ jistudjaw l-Iskrittura. Fil-fatt, l-Aħwa Kapuċċini Maltin qed iqisu dan il-proġett bħala parti mill-pastorali biblika tagħhom.

# Pubblikazzjoni ġdida




P. Martin Micallef OFMCap qed joffrilna studju tiegħu ippubblikat fil-ktieb *In Joyful and Serene Service of his Lord's Word* li ppubblikat il-*Melita Theologica* b'tifkira tar-Rev Dr Joseph Calleja OFM Conv. L-editur ta' din il-pubblikazzjoni, Rev. Dr. Anthony Abela, ġabar għadd ta' artikli xjentifiċi ta' studjużi minn diversi oqsma u għalliema fl-università ta' Malta. L-istudju ta' P. Martin Micallef, mifrux fuq wieħed u għoxrin paġna, jitratta riflessjonijiet u elementi kristoloġiċi fil-Kummentarju għall-Evanġelju skond San Ġwann minn Ċirillu ta' Alessandria. F'dan l-artiklu, wara li jagħti ħjiel fuq il-ħajja u l-kitbiet ta' Ċirillu, b'mod partikulari tal-Kummentarju fuq l-Evanġelju skond San Ġwann, P. Martin jgħaddi biex jittratta punti duttrinali mit-teoloġija ta' Ċirillu fuq il-persuna ta' Kristu u kif ħadha kontra l-ereżiji ta' żmienu. Dan huwa kontribut ieħor fit-teoloġija biblika.

*Ġeddidtu l-abbonament tiegħek?*

*Jekk le ibgħat Lm4 flimkien ma' l-isem u l-indirizz lil:*
*Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana VLT 14*

*B'hekk tkun qed tgħin lill-Missjoni tal-Kapuċċini Maltin.*

DAWL FRANĠISKAN

*Ċekkijiet / Money Orders għandhom ikunu pagabbli lil: Fr. Joe Alessandro*

*Joe Flask*

# Il-Beata Marija Adeodata Pisani u d-devozzjoni tagħha lejn San Ġużepp

Il-Beata M. Adeodata Pisani OSB għexet tassew u f'sens sħiħ il-ħajja monastika benedittina bħala Soru tal-Klawsura ta' ħajja kontemplattiva. Ħajja ta' impenn bla waqfien fil-ħarsien tar-regola u tal-ħajja komunitarja kif ukoll ħajja intima ta' talb ma' Alla. Barra minn hekk il-Beata dejjem kienet tara x'tagħmel biex, fuq l-eżempju tal-qaddisin, tgħix ħajja aħjar.

Tajjeb li jingħad li San Benedittu, fir-regola mqaddsa li fassal u li fuqha kienu u għadhom jimxu l-Benedittini kollha, monaċi u sorijiet benedittini tal-klawsura u mhux, imxerrdin mal-kontinenti kollha, għamel enfasi speċjali fuq it-talb ibbażat prattikament fuq ir-reċta ta' l-Uffiċċju Divin (il-Brevjar) filwaqt li l-aċċenn għall-qaddisin huwa limitat ferm u lanqas definit sewwa. Madankollu għandna eżempji ċari li fl-abbaziji ewlenin, fosthom l-Arċi-Abbazija ta' Montecassino, sa mill-bidu kienu ddaħħlu devozzjonijiet lejn qaddisin partikulari. Dan ma jfissirx iżda li dawn id-devozzjonijiet kienu jagħmlu parti mit-tradizzjoni monastika, lanqas fi żmien il-Beata. Kienet hi imma li, per eżempju, fost l-ewlenin, xerrdet id-devozzjoni lejn San Ġużepp f'pajjiżna. Xerrdet ukoll devozzjonijiet lejn qaddisin oħrajn u sa waslet biex għaliha personali ħolqot speċi ta' *kalendarju tal-qaddisin* li, għalkemm ma jsegwix il-ġranet bħal kull kalendarju ieħor, jibda mill-1 ta' Jannar sa l-ewwel ġimgħa ta' Ġunju. Huma qaddisin li ftit li xejn naħu bihom, b'ismijiet tassew strambi (uħud minnhom mhux miktubin tajjeb) u li forsi lilna ma jgħidulna xejn iżda għaliha kienu ta' xprun biex timitahom fit-talb, fl-imħabba lejn il-proxxmu kif ukoll fis-sagrifiċċji, fil-penitenza, fiċ-ċaħdiet li għamlu tul ħajjithom, biex hi tkompli titħeġġeġ fit-triq tal-perfezzjoni li tqarribha iktar lejn Ġesù u lejn l-Imqaddsa Marija.



Fil-kwadru ta' dan kollu, u fost id-devozzjoni kbira li hija kellha lejn il-qaddisin, post speċjali kellu San Ġużepp. Hija kienet tħobb lill-għarus kastissimu ta' Marija b'mod partikulari, spiss kienet tniedi talb u noveni f'ismu u kienet tħeġġeġ lis-sorijiet jagħmlu bħalha. Hekk hemm miktub fix xiehda li ngħatat waqt il-proċess appostoliku tagħha fejn jingħad ukoll li hija mhux biss kienet tfaħħar il-virtujiet ta' San Ġużepp imma kienet tosserva b'reqqa kbira s-seba' Erbgħat ta' qabel il-festa tiegħu. Mhux hekk biss, hija kellha wkoll fiduċja kbira f'San Ġużepp u kienet qiegħdet lilha nfisha u l-komunità kollha tagħha taħt il patroċinju ta' San Ġużepp u lilu kienet titlob f'kull ħtieġa jew bżonn li kellha u bl-akbar ħeġġa, imma kienet titolbu biex jassistiha fl-iktar mument importanti, fl-aħħar ħinijiet ta' ħajjitha, waqt l agunija tagħha.

Spiss kienet titlob lil San Ġużepp biex tikseb l-indiema tal-midinbin. Anki jekk ngħidu aħna kienet tniedi novena f'ġieħ Santa Marija Maddalena xorta kienet tara kif tagħmel biex issemmi li San Ġużepp u tirrikmanda li jingħad xi *Glorja* f'ġieħu.





Fil-ktejjeb *Ġnien tar-ruħ kollha mħabba*, f'paġni 30-31, insibu dan li ġej: "Illum fil-festa tat-tieġ tal-Imqaddsa Marija u tal-għarus tagħha San Ġużepp offrejnielhom bukkett ta' ward bħas-soltu u l-Mulej, bħala sinjal ta' gost għal dan, għoġbu jagħtina l-ħarsien ta' l-Imqaddsa Marija. Biex inwieġbu għal din il-grazzja speċjali nistqarru li rridu ngħixu fiduċjużi fit-tjubija ta' dan il-protettur li lilu, wara Ġesù u Marija, nafu kull ġid tagħna u speċjalment is-safa tal-qalb."

Ta' min ifakkar qabel xejn li l-festa ta' San Ġużepp fi żmien il-Beata, f'xi nħawi, kienet tiġi ċċelebrata f'Jannar u fil-fatt hekk baqgħet għal diversi snin. Fl-istess ħin ta' min jiġbed l-attenzjoni fuq b'liema kliem meqjus u ħelu l-Beata titkellem u tindirizza lil San Ġużepp li forsi l-qdusija tiegħu ma kinetx bħal ta' qaddisin oħra li saru magħrufa għax kitbu jew ħadmu ħafna imma tixbah iktar lill-ħajja ta' dawk il-qaddisin li għexu ħajja moħbija, fis-skiet, kważi fil-ġenb, kif ngħidu bil-Malti, għax il-ħajja tagħhom kienet imfassla u magħrufa biss għall-qalb ta' Alla.

Ta' min iżid ukoll li isem San Ġużepp, fil-kitbiet u fid-devozzjonijiet tal-Beata M. Adeodata Pisani OSB, hu kontinwament marbut ma' isem Ġesù (Ġesù Ewkaristija, Ġesù tarbija, Ġesù fil-passjoni tiegħu) u ma' isem il-Verġni Mqaddsa Marija (Marija Addolorata, Marija Assunta, il-Kunċizzjoni u l-festi l-oħra kollha tal-Madonna). Hija r-rabta ideali li nsibu anki fl-Evanġelju, fejn San Ġużepp jinstema' f'rabta sħiħa mal-Familja Mqaddsa, u l-Beata, li ċertament kellha konoxxenza tajba tal-Evanġelju, applikat dan fid-devozzjonijiet tagħha.

Naħseb li wieħed jista' jgħid li l-Beata kienet antiċipat id-devozzjoni lejn San Ġużepp anki minħabba l-fatt li, skond it-tradizzjoni monastika, id-devozzjoni lejn dan il-qaddis hija pjuttost tardiva.

Fl-istorja tal-monakiżmu anki l-isem Ġużeppi ma kienx wieħed popolari mal-monaċi. Tant hu hekk li nsibu wieħed b'dan l-isem li kien Abbati ta' Novalesa u iktar tard sar isqof ta' Ivrea li għex fis-seklu disgħa, u San Ġużepp, magħruf bħala wieħed mill-kittieba ewlenin tal-*Innijiet* li għex fis-seklu tnax u li kien monaku tal-Lvant u jappartieni lill-Ordni ta' San Bażilju. U l-istess, kif għedna għad-devozzjoni, l-isem ta' Ġużeppi lill-monaċi beda jingħata hekk kif bdiet tinxtered id-devozzjoni lejn San Ġużepp. Rari wkoll, ngħidu aħna, li f'xi abbaziji jew monasteri, sas-seklu sittax u sbatax, insibu pitturi jew statwi ta' San Ġużepp għajr forsi għal xi minjatura f'xi Korali jew Missal. Kien ukoll fi tmiem is-seklu dsatax li xi monsteri bdew jiġu ddedikati lil San Ġużepp u aktarx mhux għal San Ġużepp biss imma, per eżempju, lil San Benedittu u San Ġużepp flimkien. Fl-1972 twaqqfet ukoll komunità benedittina ġdida ta' *Saint Joseph de Clairval*. Il-monasteru ta' din il-komunità ta' monaċi li jħaddnu r-regola ta' San Benedittu ġie elevat għal grad ta' abbazija fl-1992. L-ewwel monaċi kienu jappartienu lill-kongregazzjoni benedittina ta' Solesmes. Il-monaċi ta' din l-abbazija, li tinsab fil-belt ta' Fyavigny-sur-Ozerain, f'waħda miż-żoni l-iktar pittoreski ta' Franza, huma lkoll taħt il-patroċinju ta' San Ġużepp. Il-fundatur ta' l-abbazija, Dom Augustine, minn dejjem ħaddan devozzjoni speċjali lejn San Ġużepp u nissilha fil-monaċi tiegħu kollha. San Ġużepp huwa meqjum bħala *Protector Sanctae Ecclesiae*. Ta' min jgħid li l-abbazija hija ddedikata lill-Qalb Immakulata ta' Marija. U hekk kif sirt naf b'dan mal-ewwel irriflettejt u ħsibt kemm kienet korretta u kemm għarfet is-sinjali taż-żminijiet il-Beata Marija Adeodata Pisani meta mad-devozzjoni kbira tagħha li kellha lejn San Ġużepp rabtet dejjem id-devozzjoni profonda lejn l-Imqaddsa Marija u bir-raġun.

Wieħed jifhem aktar l-importanza tad-devozzjoni li l-Beata kellha lejn San Ġużepp meta jifli r-regola ta' San Benedittu. Diġà għedt kif fit-tradizzjoni monastika ftit li xejn jissemma San Ġużepp, imma fir-regola prattikament ma jissemma xejn ħlief, jekk ma niżbaljax, xi darba. Fil-fatt, fir-regola anki l-aċċenn għall-qaddisin huwa limitat u lanqas definit sewwa. Veru li l-kapitlu 14 huwa ddedikat lill-qaddisin imma huwa marbut mar-reċita ta' l-Uffiċċju Divin u kif isir dan fil-festi tagħhom. Jiġifieri, ma jħeġġiġx għad-devozzjoni, għaliex il-priorità fit-talb kien l-Uffiċċju Divin. B'danakollu, f'Montecassino, kienu jiġu ċċelebrati, minbarra l-festi partikulari u solenni tal-Madonna u ta' San Ġwann il-Battista u xi Appostli, il-festi l-aktar tal-qaddisin Benedittini, bħal San Martin. Mill-banda l-oħra San Benedittu, mal-festi tal-qaddisin, jorbot ukoll is-solennitajiet tal-Knisja, bħall-Għid, il-Milied, l-Epifanija, il-Pentekoste, it-Trinità, eċċ. Għalhekk dan il-kapitlu jibda: "Fil-festi tal-qaddisin u fis-solennitajiet l-oħra..." li jfisser li diġà kienet teżisti

tradizzjoni liturġika antika dwar dan. Il-qaddisin fir-regola ta' San Benedittu jerġgħu jissemmew fil-kapitlu 58 versi 17 - 19. Imma anki hawnhekk il-qaddisin mhumiex imsemmija bħala att devozzjonali, anzi għandhom funzjoni speċjali. Dan il-kapitlu jittratta dwar *Proċedura għad-dħul fil-monasteru* u fil-vers 17 in-novizz jagħmel il-voti tiegħu "ukoll quddiem Alla u l-qaddisin tiegħu..." u iktar 'il quddiem, fil-vers 19, San Benedittu jgħid li n-novizz "jagħmel dikjarazzjoni bil-miktub f'isem il-qaddisin kollha li tagħhom jinżammu r-relikwi f'dik il-knisja u f'isem l-Abbati preżenti."

San Benedittu ried ifisser li l-qaddisin ta' dik il-knisja u r-relikwi tagħhom li hemm taħt l-altar huma s-sidien, l-abitanti ċelesti u l-għassiesa ta' dik id-dar u għalhekk, flimkien ma' l-Abbati, il-kap u r-rappreżentant ewlieni tal-komunità, jirċievu uffiċjalment it-talba tan-novizz. Isem il-qaddisin, flimkien ma' l-Abbati, jfisser għal San Benedittu d-data u l-post fejn sar l-att miktub u ppreżentat min-novizz.

Mill-istudju profond li għamel fuq kitba awtentika oħra tal-Beata Marija Adeodata, *Il Giardino Mistico*, il-monaku Benedittin, Dom Emanuele Remo Aresu OSB, jirriżulta li hija kellha devozzjoni speċjalissima lejn San Ġużepp. Iktar ma wieħed jaqra fuq il-Beata iktar wieħed jintebaħ li hija kellha ċerta ġibda lejn San Ġużepp għaliex għex ħajja moħbija, ta' skiet, kważi fil-ġenb, anki jekk ħajtu kienet marbuta bis-sħiħ ma' Ġesù u l-Madonna, mal-ġrajja tal-fidwa. Anki fi żmienha, il-festa ta' San Ġużepp, li lanqas kellha jum fiss, ma kinetx daqstant popolari, madanakollu xorta waħda kienet tfaħħar il-virtujiet tiegħu tal-umiltà, tal-ubbidjenza u tas-sabar speċjalment fl-Erbgħat ta' qabel il-festa. Fih kienet issib il-wens u kienet titolbu bil-ħrara kollha, kif jirriżulta mill-proċess ordinarju u minn dak appostoliku. Taħt il-patronċinju ta' San Ġużepp qiegħdet ħajjitha, iżda fuq kollox kienet titolbu biex ikun qribha fil-jum tal-mewt tagħha.

Biex wieħed jikkonkludi, minkejja li ma teżistix jew aħjar ma kinetx teżisti, almenu sa żmien il-Beata Pisani, forma ta' devozzjoni bħala tali lejn il-qaddisin fit-tradizzjoni monastika, il-Beata Adeodata Pisani kienet fost l-ewlenin, forsi anki f'pajjiżna, li xerrdet id-devozzjoni lejn San Ġużepp. Persważ li d-devozzjoni tagħha ma kinetx limitata biss għall-monasteru San Pietru ta' l-Imdina, fejn għexet u mietet, imma nxterdet ukoll barra l-monasteru. Jiena konvint li bid-devozzjoni kbira li kellha lejn dan il-qaddis nediet, forsi mingħajr ma kienet taf, devozzjoni ġdida li maż-żmien saret tagħmel parti mit-tradizzjoni monastika benedittina anki jekk din id-devozzjoni hija strettament marbuta mal-isem ta' Ġesù u ma' l-isem tal-Verġni Marija. ❑



## Mill-ittri tal-qarrejja ...

• Għażiż Fr. Joe, jiena qarrejja regolari ta' **Dawl Franġiskan**, rivista tassew interessanti, informattiva u edukattiva. Fil-ħarga ta' Ottubru 2003, qrajt it-tagħrif interessanti li kiteb Br John Cassar, u billi jiena kont qattajt ħamsa u għoxrin sena ngħallem, iżjed stajt napprezza s-sagrifiċċji u l-imħabba tal-ħafna qlub ġenerużi li joffru ħajjithom fix-xogħol tal-missjoni. Grazzi tal-qari interessanti li tippubblikawlna.

Qed nibgħatlek xi ħaġa żgħira b'riżq il-ġejjieni ta' dawn it-tfal. Inselli għalik.

*C. Zarb - Gudja*

• Lis-Segretarju Missjoni Kapuċċini. Ir-rivista **Dawl Franġiskan** tidher interessanti ħafna. Ħadt pjaċir naqra l-aħbarijiet u x-xogħol dwar il-missjoni tagħkom fil-Kenja u f'Kuba. Għalhekk qed nibgħat l-abbonament tiegħi flimkien ma' offerta għall-missjoni tagħkom. Grazzi u nwegħedkom it-talb tiegħi biex il-Mulej Alla jbierek ix-xogħol li qegħdin tagħmlu għall-glorja tiegħu. Għoddni dejjem tiegħek.

*G. Muscat - Lija*

• Għażiż Fr. Alessandro, qed nibgħatlek il-ħlas għall-*Christmas cards* u offerta għall-missjoni. Prosit tad-**Dawl Franġiskan** għax minbarra li għandu *printing* veru sabiħ, fih ħafna tagħlim. Inselli għalik.

*C. Abela - Rabat*

• Għażiż Fr. Joe, qrajt l-artiklu ta' Fr. Joe Galea OFMCap fil-ħarga ta' **Dawl Franġiskan** u għalhekk qed nibgħat il-ħlas li jkopri sena għal xi tifel fil-parroċċa ta' Hola. Nispera li jkunu ta' għajnuna u jalla l-barka tal-Mulej tinżel fuqkom.

Ir-rivista qed tkun veru interessanti u wara li naqraha jiena, qed ngħaddiha lil xi ħadd li jeħodha f'dar ta' l-anzjani sabiex tinqara hemmhekk. Nawguralkom għall-futur. Dejjem tiegħek.

*M.L. Incorvaja - Valletta*



# Laqgħat għall-Kapuċċini fil-Kenja

Fuq: L-Aħwa Kapuċċini fil-Kenja flimkien maż-żewġ Isqfijiet Kapuċċini Maltin u mad-Definitur Ġenerali Vincente Kiasiku (fin-nofs).

Wara li s-sena l-oħra, fit-12 ta' Frar 2003, il-Ministru Ġenerali, P. John Corriveau, ħabbar is-superjuri l-ġodda tal-Viċi Provinċja Ġenerali tal-Kenja f'Kapitlu li fih kienu miġburin il-Kapuċċini kollha fil-Kenja, din is-sena, l-Aħwa kollha Kapuċċini Kenjani u Maltin, reġgħu ltaqgħu flimkien bejn id-9 u t-13 ta' Frar biex, f'Kapitlu Speċjali, jistudjaw kif inhuma sejrin fil-ħajja tagħhom bħala Kapuċċini tal-Viċi Provinċja Ġenerali tal-Kenja. Fost ħwejjeġ oħra tkellmu fuq il-ħajja tagħhom ta' flimkien fi fraternità, fuq it-talb, fuq il-vokazzjonijiet, fuq il-formazzjoni, fuq ix-xogħol pastorali fil-parroċċi, fuq it-tmexxija ta' proġetti, fuq it-tiġdid ta' l-istatuti, fuq il-mod



Mument waqt il-laqgħat. Mix-xellug: P. Isidor Peterhans, Viċi Provinċjal; P. Publius Mair, moderatur u P. Vincente Kiasiku, Definitur Ġenerali.



P. Vincente Kiasiku waqt l-omelija fil-quddiesa tal-ftuħ.

kif jitmexxew il-laqgħat f'Kapitlu, fuq il-finanzi u fuq problemi oħra li jiltaqgħu magħhom. Iddiskutew ukoll fuq pjan għall-ġejjieni.

Kienu jiem mimlija laqgħat u diskussjonijiet. L-aktar li spikka waqt dawn il-laqgħat kien is-sens ta' fraternità, ta' ftuħ u ta' qsim ta' ideat f'atmosfera kalma u ferriħija.



*Waqt waħda mil-laqgħat tal-Kapitlu Speċjali fil-Viċi Provinċja tal-Kenja.*

Għal dan il-Kapitlu Speċjali kien mistieden id-Definitur Ġenerali, P. Vincente Kiasiku, li ppresieda l-laqgħat f'isem il-Ministru Ġenerali. P. Joe Alessandro, f'isem il-Provinċjal P. Crispin Tabone, u P. Leonardu Falzon, membru tas-Segretarjat tal-Missjoni, kienu mistiedna bħala osservaturi.

Il-kapitlu fetaħ b'quddiesa kkonċelebrata mmexxija mid-Definitur Ġenerali P. Vincente Kiasiku, filwaqt li l-quddiesa ta' l-għeluq kienet immexxija mill-Viċi Provinċjal tal-Kenja, P. Isidor Peterhans.

Inkomplu nitolbu ħalli l-ħidma ta' dawn ħutna Kapuċċini fil-Kenja tkompli tagħti l-frott u ssaħħaħ il-Knisja u l-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja. ❑

# M'hemmx imħabba akbar ... milli 2 give





L-abbatini tal-Kapuċċini tal-Floriana, flimkien mad-direttur tagħhom Br Claudio Falzon, ser jorganizzaw tlett ijiem attivitajiet fil-*ground* tal-kunvent tal-Kapuċċini tal-Floriana b'riżq l-abbatini tal-parroċċa ta' Hola fil-missjoni tal-Kenja fejn hemm P. Joe Galea bħala kappillan u P. Spiro Galea superjur.

**L-attivitajiet ser ikunu jikkonsistu f'*carwash* u logħob tal-*football*. Ikun hemm ukoll *take away*.**

**Il-ġranet ta' dawn l-attivitajiet huma mill-Ġimgħa 19 sal-Ħadd 21 ta' Marzu 2004.**

L-għan ta' din il-*fundraising* huwa biex jinġabru flus ħalli l-abbatini ta' Hola jkunu jistgħu jsirulhom ħwejjeġ ġodda kif ukoll għal xi ħtiġiet oħra li jista' jkollhom.

Huwa ġest ta' ġenerożità mit-tfal lejn tfal bħalhom iżda b'inqas opportunitajiet. Infittxu li anki aħna nkunu ġenerużi billi nagħtu s-sehem tagħna.

POEŻIJA

*Mons. Francis Baldacchino OFM Cap,*
*Isqof ta' Malindi fil-Kenja*

# PIETRU



Kont qed naħseb, nipprova nifhem,

kif qatt seta' San Pietru,
... li telaq kollox biex jimxi wara Kristu
... li xehed kull ma qal u għamel f'ħajtu
... li, imnebbaħ mis-sema, stqarru b'Iben ta' Alla
... li xtaq iħarsu mis-salib u t-tbatija
... li ħalef li jagħti għalih ħajtu



kif qatt seta' l-istess Pietru
... għal darba, tnejn, tlieta jiċħdu
... u jaħlef li lanqas biss kien jafu!



X'ħin,
bħal dawl qawwi
leħħli f'moħħi,
u fih rajt
dnubieti kollha!



NOVELLA

*Lina Brockdorff OFS*

# Imriewaħ tal-Palm

## IT-TIENI PARTI

Għal Pawlu, Joey kien l-aktar bniedem għażiż wara ommu u nanntu. Qatt ma kien itemtem meta jitħaddet miegħu. Kienu joqogħdu mhux bogħod minn xulxin, qabel ma taqbad l-aħħar sqaq ta' Birkirkara lejn ix-xaqliba ta' l-Għorgħar. Omm Joey ma kenitx taħdem għax kellha sitt itfal, imma missieru kien jistinka u jaħdem mal-jum bħala xufier u bil-lejl bħala wejter. B'danakollu flus żejda qatt ma kien hemm u għalhekk hu seta' jifhmu sewwa lil Pawlu. Bħalu Joey qatt ma kellu aktar minn ħames ċenteżmi fil-but għal xi telefonata ta' emerġenza. Tfal oħra mhux hekk, qishom isibu l-flus barra! U qishom itaqqlulhom buthom għax kienu jisparpaljawhom fuq il-ħmerijiet.

Pawlu u Joey kellhom drawwa li fi triqthom lejn id-dar wara l-iskola jieqfu għal ftit minuti jħarsu u jixxenqu quddiem vetrina ta' ħanut tal-ġugarelli. Kienet speċi ta' logħba ta' l-immaġinazzjoni u fl-istess ħin ipaxxu 'l għajnejhom b'dawk il-meravilji ta' wara l-vetrina. Aħjar hekk milli xejn: huma kienu jagħżlu dak il-ġugarell li l-aktar kien jogħġobhom, mhux biex jixtruh, dak kien ikun impossibli, imma biex jagħmlu ta' bir-ruħhom li se jixtruh. It-tfal tal-klassi spiss jiffanfraw b'kemm kellhom biex jilagħbu u x'kienet dik il-logħba jew ġugarell li jmisshom jixtru.

B'hekk dawn iż-żewġt itfal selgħu b'wiċċhom minn quddiem jiddikjaraw li dalwaqt ikollhom ġugarell ġdid minn għand is-City Emporium, erħilu li din kienet biss ħolma. L-għażla ta' Joey ta' dan l-aħħar kienet jeep li taħdem bil-batteriji, ta' Pawlu kienet speċi ta' sett żgħir tat-televiżjoni li jaħdem ukoll bil-batteriji u li jurik xi ftit ħrejjef bħal Snow White u s-Seba' Nani u Pinokkju. Il-jeep kien jiswa għaxar liri waqt li t-televiżjoni kien ħmistax-il lira. U erħilhom hemm mitlufin iħarsu u jħarsu, iressqu wiċċhom mal-ħġieġa b'imnieħirhom mgħattan biex hekk ikunu qrib kemm jista' jkun ta' dawk l-oġġetti tant mixtieqa.

Aktarx li dak il-ħin ma kien jarahom ħadd, it-triq kienet tkun kwieta għajr xi raġel dieħel jew ħiereġ mill-ħanut tal-kafè fil-qrib. Dwardu, tal-King's Bar kien magħruf għall-pastizzi li l-fwieħa tagħhom ixxoqqu l-istonku ta' kull min jinżerta għaddej mill-inħawi.

Darba minnhom raġel li ħareġ mingħand Dwardu waqaf hu wkoll iħares lejn l-istess vetrina, it-vetrina li għal dawk il-ftit sekondi tal-ġurnata kienu jikkonsidraw bħala l-vetrina tagħhom. Xi dritt kellu dak l-imbierek li jċaħħadhom mill-ftit waqtiet ta' pjaċir li għalihom kienet tfisser ħafna? Immutaw. Mhux talli ma qalux kelma imma bilkemm bdew jissugraw jieħdu nifs. Dak it-raġel kien ħareġ miegħu mill-kafè riħa ta' kafè u pastiżżi u ma' ħwejġu kien għad għandu l-frak tal-pastizzi.

Pawlu ħarrek kemmxejn drieghu ġo qadd Joey bħala sinjal biex huma jwarrbu minn hemm, imma Joey deherlu li ħmar bħal dak ma kellu l-ebda dritt itellifhom il-gost tagħhom. Fuq kollox il-ġugarelli qegħdin għat-tfal u mhux għall-irġiel; mela hu pespes f'widnejn sieħbu biex ma jitħarrikx. Ir-raġel beda jħares lejhom u wara ftit staqsiehom x''kienet il-biċċa li kuljum jieqfu jħarsu quddiem dik il-vetrina.

"Imma aħna b'daqshekk m'aħna qed nagħmlu l-ebda deni lil ħadd!" temtem Pawlu.

"Jien m'għedtilkomx li qed tagħmlu xi ħaġa ħażina, staqsejtkom biss għax tieqfu hawn kuljum," kompla dak ir-raġel.

"Għax ara, Sur, aħna... jien u Pawlu... qed inġemmgħu l-flus fil-karus biex nixtru xi ħaġa minn hawn u għalhekk nieqfu nħarsu kuljum..." ipprova jpaspar Joey. U biex jipprova jikkonvinċih mill-verità kompla: "Jien ngħid li għandna nixtru l-jeep u sieħbi jogħġbu l-aktar dak is-sett taparsi televiżjoni."

"Bravi, bravi ... eh, sbieħ it-tnejn dawk, sbieħ tassew!" U malli qal hekk mar għal rieħu.

"Imxi lejn id-dar Joey, għax jien qed nibża' u għada ma niġux 'l hawn għax dak ir-raġel ma nafx..."

"Int tibża' minn dellek Pawl, qisek tifel żgħir..."

Għalxejn ipprova jipperswadih sieħbu għax għal

jumejn sħaħ ma resqux 'l hemm. Imma ma setgħux joqogħdu aktar mingħajr ma jħarsu lejn il-maħbuba vetrina u għalhekk il-jum ta' wara reġgħu ħaffu l-passi lejn is-*City Emporium*, u tgħidx x'qatgħa ħadu, għax x'ħin waqfu quddiem il-vetrina indunaw li dawk iż-żewġ ġugarelli ma kenux hemm! Minn żmien għal ieħor tal-ħanut kien ifarfar u jirranġa l-vetrina, joħroġ oġġetti ġodda u jdaħħal dawk li jkunu ilhom barra mhux ħażin. Issib li kien qed jagħmel dik il-bidla. Mill-banda l-oħra dawk iż-żewġ oġġetti biss għosfru! Qisu x-xitan ma ħamilhomx jitpaxxew aktar bid-dehra tagħhom. Tgħid kien ser joħroġ xi ħaġ'oħra minn flokhom? Ftiehmu li jistennew sa l-għada u jekk jibqgħu ma jarawhomx jagħżlu żewġ ġugarelli oħra, u hekk minn jum għal ieħor xorta jieqfu jħarsu lejn il-vetrina.

B'qalbhom sewda qasmu t-triq x'ħin minn wara kantuniera ħareġ jgħaġġel lejhom dak it-raġel li kien waqaf quddiem il-vetrina. Kien għadu qed ifarfar il-frak tal-pastiżżi minn ma' ħalqu. Mar fuqhom. Minn basket tal-plastik kbir ħareġ żewġ pakketti, newwel wieħed lil Pawlu u l-ieħor lil Joey. Imma dawk inġibdu lura u bilkemm ma telqux jiġru.



"Hawn, ejjew 'l hawn. Hawn xtrajthomkom u issa ma triduhomx! Għaliex qed tagħmlu hekk?"

Ma kenux jafu x'għandhom jagħmlu. Idhom bdiet tikolhom biex jaħtfu dawk iż-żewġ pakketti; imma mill-banda l-oħra ommhom u l-għalliema kienu dejjem iwissuhom biex ra jaċċettaw xejn, la ċikkulata, la ħelu u lanqas flus minn għand nies li ma jafuhomx. Kienu spiss itambrulhom dwar droga, dwar irġiel li jaħtfu t-tfal. Żgur Il ma kenux droga... ma tantx kien jidher raġel kattiv... u fuq kollox it-tentazzjoni kienet tabilħaqq qawwija. X'kellhom jagħmlu? Dak baqa' jħares ċass lejhom. "Triduhom jew ma triduhomx, jew nagħtihom lill-ewwel żewġt itfal li jersqu 'l hawn!

Ma' l-aħħar kelmiet żewġ pari dirgħajn sabbtu l-baskett ta' l-iskola ma' l-art u ħarġu dritt biex jaħtfu l-pakketti. "X'ser tgħiduli issa... xejn?"

"Grazzi, grazzi ħafna!" ħatfu Joey.

"Int, int Pawlu ma tgħid xejn?" "Gra...grazzi, grazzi, sinjur!"

"Issa fittxu morru lejn id-dar u meta tridu issibuni bħal dal-ħin fil-ħanut ta' Dwardu nkun. Jisimni Geoffrey."

U kif qal hekk għosfor waqt li ż-żewġt itfal baqgħu mibluhin iħarsu lejn xulxin bla ma ħassew il-kurżità li jiftħu l-pakkett, u bla ma kellhom forza jlissnu kelma. Issa setgħu jifhmu x'jiġifieri meta fl-istejjer in-nies isiru statwi. Huma ħassewhom bħal statwi, u dak ir-raġel... Qatgħuha li dak kien saħħar.

Fl-aħħar ġew f'sikkithom. Poġġew fuq l-għatba ta' bieb qrib u, bħal ġo xi ħolma, ħallew lil idejhom imellsu u jitpaxxew b'dawk ir-rigali. X'kienu ser jgħidu lil tad-dar? Min kien ser jemminhom?

### III

Ftit jiem wara Joey u Pawlu reġgħu marru taħt il-palma l-kbira u twila fil-ġnien ta' l-iskola. Bħas-soltu l-qalżiet ta' Pawlu kien imġebbed u qasir miegħu u jieqaf żewġt iswaba' 'l fuq miż-żarbun dgħajsa. U bħas-soltu kien hemm storbju u twerżiq ta' tfal madwarhom.

Il-weraq imriewaħ tal-palm kienu jitbandlu u jiżżeffnu mażżiffa ħelwa li bdiet titliegħeb magħhom, waqt li l-għasafar ma ridux jieqfu mill-ġiri sfrenat tagħhom. "Għadek tixtieq li kont għasfur?" staqsa b'nofs tbissima Joey lil sieħbu. Pawlu baqa' sieket. Baxxa wiċċu jħares lejn iż-żarbun waqt li ħaddejh bdew jinksew bir-roża sabiħ bħal dak iż-żerniq u għajnejh bdew ileqqu aktar mill-kwiekeb tal-lejl.

Wara ftit wieġeb b'leħen baxx imma sod: "Le, grazzi Joey, għal issa rrid nibqa' li jien. Jien xtaqt insir għasfur biex naħrab u nfittex il-hena. Issa li ltqajt ma' dak is-saħħar... issa qed nemmen dak li kienet spiss tgħidli ommi, li jekk nemmen biżżejjed kollox jista' jiġri. Dan ma kienx jinżilli... iva, bil-kemm kont nemmen li fil-ħajja tar-realtà jista' xi drabi jiġru l-affarijiet li konna nisimgħu fil-ħrejjef... imma hekk ġara; ... dak is-saħħar... jiġifieri missieri qiegħed hawn... u d-dinja kollha nbidlet... issa mod ieħor!"

U l-qanpiena reġgħet bħas-soltu ċemplet bil-ħoss metalliku tagħha, imma Pawlu ma kienx jibża' mill-klassi li qed tistennieh għax ġo qalbu ħass is-seħer ta' l-imħabba! ❑

# TISLIBA 42

*minn P. Wistin ATTARD ofm cap*




1. U minnha kelli dan. (Tob 1, 9) (5)
2. u 19. Ulied Xmun. (Mk 15, 21) (6,4)
3. Bih għandna din u l-maħfra. (Kol1, 14) (5)
4. Li *tilma* f'wiċċ Kristu. (2 Kor 4, 6) (5)
5. Min jitgħabba b'dawn. (Ħab 2, 6) (4)
6. Ħabib mhux ġdid. (Sir 9, 10) (5)
7. Li wieħed *isofri* bla ħtija. (1 Pt 2, 19) (5)
8. Għal quddiem l-.... (Est C, 24) (5)
9. Il-ktieb ta' Esdra. (3)
10. Din ħakmet id-diwi. (Ġob 4, 12) (7)
11. u 12. L-aħbar waslet għandu. (Ġona 3, 6) (6)
13. Alla mara. (Atti 19, 24 – ara nota) (6)
14. Hekk issir l-imħabba. (1 Ġw 4, 17) (5)
15. Isem oħtom. (1 Kron 3, 9) (5)
16. Agħmel waħda żgħira. (1 Slat 17, 13) (5)
17. Mibruma bħal dawn. (Eż 28, 22) (5)
18. ... it-triqat tagħhom. (Sof 3, 6) (7)
19. Ara 2.
20. Il-qamħ tħassar taħtu. (Ġoel 1, 17) (3)
21. Ittajjar biha. (Dan 9, 21) (5)
22. Li huma hekk tassew. (1 Tim 5, 3) (5)

***RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' FRAR:***

*1. Karru; 2. Bsaten; 3. Kburi; 4. Ktibt; 5. Gaju; 6. Fidil; 7. Aħseb; 8. Trabi; 9. Rat; 10. Rabbuni; 11. u 12. Inġust; 13. Sinjal; 14. Ġirja; 15. Iktar; 16. Arami; 17. Armat; 18. Issakar; 19. Semm; 20. Nar; 21. Jimla; 22. Mnara.*

Ir-Rebbieħ ta' dan ix-xahar huwa: Joseph Naudi, Naxxar.

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz: Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14*

# Rokna għat-Tfal

**Tfal, din hi rokna għalikom. Hawn għandkom mistoqsijiet li biex tweġbuhom tridu tagħżlu r-risposta t-tajba mit-tlieta li għandkom wara kull mistoqsija (barra tnejn) billi tagħmlu sinjal fuqha jew tiktbuha fuq biċċa karta. Bħala għajnuna għandkom riferenza għall-Bibbja.**

- ***Mistoqsijiet:***

1. **Liema minn dawn mhuwiex Appostlu?**
   Pietru, Marku, Mattew (Mt 10, 2-4).
2. **Min ħa post Ġuda?**
   Xmun, Ġakbu, Mattija (Atti 1, 28).
3. **Għal kemm il-biċċa flus Ġuda biegħ lil Kristu?**
   20, 30, 40 (Mt 26, 15).
4. **Min kiteb l-Atti ta' l-Appostli?**
   San Luqa, San Pawl, Santu Wistin (Atti 1, 1).
5. **Kemm-il tinda ried itella' Pietru fit-Trasfigurazzjoni?**
   3, 4, 5 (Mk 9, 5).
6. **Min kien l-ewwel Appostlu li ħa l-martirju?**
   Ġwanni, Ġakbu, Pietru (Atti 12, 2).
7. **Lil min, minn dawn, kiteb San Pawl?**
   Lir-Rumani, lit-Taljani, lill-Maltin
8. **Liema Appostli kienu ma' Ġesù fit-Trasfigurazzjoni? (ara Mk 9, 2).**
9. **Liema profeti dehru jitkellmu ma' Ġesù fit-Trasfigurazzjoni? (Mk 9, 4).**
10. **Kemm kiteb ittri San Pietru?**
    1,2,3.

Mit-tweġibiet tajba li jaslulna mingħandkom, intellgħu waħda u r-rebbieħ jingħata rigal sabiħ mil-**Librerija Preca** (Tal-Museum) tal-Blata l-Bajda. Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:

***ROKNA GĦAT-TFAL***
***P. Joe Alessandro***
***Kunvent tal-Kapuċċini Floriana VLT 14***

*Ir-Rebbieħ ta' Frar: Claire Sultana, Floriana.*



# Irrid inħobbok ... għal dejjem

Tnejn minn ħutna żgħażagħ, Br Andrè Azzopardi u Br Hayden Williamsi, waslu għal deċizjoni importanti u serja fil-ħajja tagħhom. Wara li dawn iż-żewġ ħutna għamlu żmien jgħixu fil-kunvent tal-Kalkara bħala postulanti ħassew li l-Mulej kien qiegħed isejħilhom għall-ħajja reliġjuża fi ħdan il-fraternità Franġiskana Kapuċċina. Għalhekk laqgħu l-istedina tal-Mulej u, wara sena ta' novizzjat, għamlu l-ewwel wegħdiet lil Alla li jgħixu l-ħajja kkonsagrata b'mod temporanju.



Sena wara l-oħra integraw ruħhom sew fil-ħajja fraterna tant li issa ħassew li għandhom jagħmlu dan il-pass deċiżiv li jikkonsagraw ħajjithom kollha lil Alla bħala reliġjużi Franġiskani Kapuċċini billi fit-25 ta' Marzu sejrin jagħmlu l-professjoni perpetwa, jiġifieri ser iwiegħdu 'l Alla li għal ħajjithom kollha ser iħobbuh billi jgħixu fil-faqar, fl-ubbidjenza u fil-kastità kkonsagrata fi ħdan il-fraternità Franġiskana Kapuċċina.

Ħadna r-reazzjoni tagħhom dwar kif qegħdin iħarsu lejn dan il-pass hekk ġeneruż li sejrin jagħmlu.

Br Andrè Azzopardi ikkumenta hekk:

"Il-Kostituzzjonijiet ta' l-ordni ta' l-Aħwa Minuri Kapuċċini jiddeskrivu l-mument tal-professjoni solenni bħala grazzja kbira minn Alla. Bil-professjoni "aħna nħaddnu forma ġdida u speċjali ta' ħajja li tmexxina biex nilħqu l-quċċata ta' l-imħabba għall-ġieħ u għall-qadi ta' Alla... bix-xiehda tal-professjoni tagħna aħna ngħinu lill-istess Knisja fil-ħidma tas-salvazzjoni" (nri 31.1; 5).

Jiena naħseb li dawn il-kelmtejn jagħtu dehra ċara ta' x'inhi l-professjoni solenni u l-effett tagħha fl-individwu. Barra li hi grazzja ta' Alla li tmexxi lill-kandidat fi żmien ta' formazzjoni, Alla jkompli jkabbar u jkattar id-doni tiegħu f'dak li Hu għażel, u jqanqal il-qalb u l-moħħ sabiex b'rieda sħiħa u ħielsa, minkejja d-dgħufija tiegħu, il-bniedem jirrispondi għal din l-imħabba murija lilu mill-Ħallieq.

Il-Professjoni tfisser ukoll turija ta' fidi u rabta sħiħa ma' Alla għaliex il-bniedem magħżul hu msejjaħ biex jaqsam l-imħabba ta' Alla ma' ħuh fil-bżonn. Għalhekk tfisser ukoll għażla li tfisser qadi, jiġifieri li wieħed, bħal Kristu fl-Ewkaristija, jingħata fis-servizz ta' ħutu l-bnedmin fl-għaqda tal-komunità nisranija u b'xiehda li twassal bnedmin oħra sabiex jagħrfu l-ħniena u l-imħabba ta' Alla lejhom."

Br Hayden Williams għamel din ir-riflessjoni:

"Fil-25 ta' Marzu rrid inwieġeb minn qalbi għas-sejħa li qed jagħmilli Ġesù sabiex, f'għaqda mal-fraternità Franġiskana Kapuċċina, inħalli lilu jgħix fija fil-faqar, fl-ubbidjenza lejn ir-rieda tal-Missier u b'imħabba miftuħa għal kulħadd. B'dal-mod, bħalma jistqarr San Franġisk fl-aħħar rieda tiegħu miktuba lil Santa Klara: "irrid nimxi fuq il-ħajja ta' l-Aktar Għoli, il-Mulej tagħna Ġesù Kristu u ta' l-Omm l-aktar qaddisa tiegħu, u nibqa' miexi fiha sa l-aħħar".

F'dan kollu x-xewqa tiegħi hija li nħobbu sa l-aħħar, li nkun mibdul fih fqir u msallab, u li ngħarraf lill-oħrajn l-imħabba tiegħu kollha ħniena. Għax naf kemm jiena dgħajjef irrid infittex il-għajnuna biex ngħix dan fil-persuna ta' Marija Ommna. Għalhekk huwa ta' ferħ għalija li ser nagħmel il-professjoni perpetwa dak inhar meta l-Knisja tkun qed tiċċelebra t-tħabbira ta' l-Anġlu lil Marija. Ma' l-'iva' ta' Marija rrid ngħid l-'iva' tiegħi sabiex magħha u bħala nkun nista' nwelled il-persuna ta' Ġesù fil-qlub ta' dawk kollha li għad niltaqa' magħhom bħala Kapuċċin, l-aktar il-fqir u l-batut." ❑

**Iċ-ċelebrazzjoni tal-professjoni perpetwa ser issir nhar il-Ħamis, 25 ta' Marzu 2004, fil-knisja parrokkjali ta' San Ġwann, fis-6.30 p.m. L-istedina hija miftuħa għal kulħadd u b'mod partikulari għaż-żgħażagħ.**

Għal aktar tagħrif fuq il-professjoni ta' Brs Andrè u Hayden żur il-website:
***www.studentscapuchins.tvheaven.com***
E-Mail: studentsofmcap@mail.global.net.mt
jew għal tagħrif fuq il-ħajja Franġiskana Kapuċċina żur il-website:
***www.capuchin-vocations.org***
E-Mail: cvk@kemmunet.net.mt

# BORŻA TA' STUDJU

BORŻA TA' STUDJU hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit. Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

*Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil Fr. Joe Alessandro*
*Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana*
*Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525*

